**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-vs-**

**Johan Sultana, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija numru 47882M;**
**u**
**Pawlina Cutajar, u detentriċi tal-Karta tal-Identita' Maltija numru 83694M**

*Kumpilazzjoni Numru: 93/2019*

Illum, 2 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Johan Sultana u Pawlina Cutajar u ċioè talli:

Ġewwa 'Bliss *Massage*' sitwat f'64, Triq San Pietru, il-Fgura ġewwa dawn il-Gżejjer, fis-07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Xjentement, għexu, għal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, barranin u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitlu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Bħala persuni responsabbli minn ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal

skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur tal-Artikoli 9 tal-Kapitlu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Għamlu użu mill-fond "Bliss *Massage*" ġewwa 64, Triq San Pietru, Fgura għal skopijiet barra minn dawk l-iskopijiet liċenzjati għalihom u dan bi ksur tal-Artikolu 7 u 18(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08 u għaldaqstant bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja skont l-Artikolu 23 (1) tal-istess Leġiżlazzjoni, u ċioe' bi ksur tal-Artikolu (1)(b) tal-Kapitlu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli fis-07 ta' Frar, 2019, u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

4. Għamlu atti ta' *money laundering* billi :-

   i) Ikkonvertew jew trasferixxew propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali, għall-iskop jew ta' skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

   ii) Ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provvenjenża, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà, meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   iii) Akkwistaw, ippussesaw jew użaw propjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   iv) Bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   v) Ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

   vi) Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

Lil **Pawlina Cutajar** waħedha nakkużawha talli fis- 07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Għejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

5. Ikkommettiet reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. nhar is-16 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. Saret reċidiva b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr D. Frendo Dimech LL.D. nhar is-16 ta` Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Lil **Johan Sultana** waħdu nakkuzawħ talli f'dawn il-Għejjer fis-27 ta' Jannar, 2019, u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

7. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Talli fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi bħala persuna ikkundannata f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu oġġetti li ma kienux tal-kondizzjoni tagħhom u għodod tajba għal ftuħ jew sgassar, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu. (Art. 287 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

Talli fis- 07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Għejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

9. Ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Farruġia Frendo LL.D. nhar is-16 ta' Novembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

10. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr F. Depasquale LL.D. nhar il-15 t'April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

11. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D. nhar id-29 t'April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

12. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr S. Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Mejju 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

13. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr G. Mercieca LL.D. nhar it-18 ta' Ġunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, jogħġobha tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tat-12 ta' Frar, 2020, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat l-Ordni tat-12 ta' Frar, 2020,[2] mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din l-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[3]

[1] Fol.735
[2] Ibid.
[3] Ibid.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Frar, 2020,[4] permezz ta' liema bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

**Fil-konfront ta' Johan Sultana u Pawlina Cutajar flimkien:**

- Fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikoli 7(1), 7(3) u 14 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikoli 9 u 14 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-Regolamenti 4, 7, 18 u 23 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Dispożizzjonijiet Ġenerali), Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08 u fl-Artikoli 43 u 45 tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-Artikoli 23, 23A, 23B u 23C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Pawlina Cutajar waħedha:**

- Fl-Artikoli 28A, 28B u 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Johan Sultana waħdu:**

- Fl-Artikoli 18 u 287 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 440 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[5]

Semgħet ix-xhieda.
Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[4] Fol.735-737
[5] Fol.742

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Jonathan Cassar** mill-Skwadra kontra Drogi, spjega kif nhar is-27 ta' Jannar, 2019, ġie nfurmat minn żewġ uffiċjali PC760 u PC1564 li kien twaqqaf Johan Sultana, l-imputat, li kien qed isuq Mercedes numru ACB535 fejn fis-*centre console* sabu sustanza suspettata eroina fl-ammont ta' 0.614grammi kif ukoll ingwanti, balaclava u martell. L-imputat ammetta li kellu vizzju qawwi ta' eroina. Qal li l-balaclava w l-ingwanti kienu għall-mutur, u l-martell żammu fil-vettura biex f'każ ta' inċident ikisser il-ħġieġ. Dwar miżien li nstab qal li dan kien jużah biex jiżen id-deheb għalkemm ma kellux mestier fil-qasam u kien fuq ir-*relief*. [6] Minn fuq il-persuna ta' Sultana gew elevati €1,460 filwaqt li fir-residenza tiegħu gew elevati €3,600 u €2,480 li nstabu f'portmoni tan-nisa w ntqal lill-pulizija li dawn kienu jappartjenu lil Cutajar. Dwar l-€3,600 Sultana qal li dawn kienu ħlas ta' *insurance*.[7]

Mill-mobile elevat irriżultaw messaġġi dwar *massage parlour* li kien jintuża għall-skopijiet sesswali. Instab Facebook *profile* bl-isem ta' Paula Cutajar bil-*username* m.me/xjohann.sultana b'ħafna komunikazzjonijiet ma terzi rigward servizzi sesswali. Saret *extraction* tad-*data* fejn ġie deċiż li dan l-aspett jiġi nvestigat minn naħa tal-Vice Squad. Intbghatu uffiċjali viċin il-*parlour* Bliss *Massage* fi Triq San Pietru, Fgura, fejn ġew innotati deħlin u ħierġin xi persuni kif ukoll **l-imputata li ġiet mibdula bi tfajla oħra**.[8]

Dan il-fatt jakkwista rilevanza aktar il-quddiem meta l-Qorti tanalizza l-messaġġi minn *chats* li nstabu fuq il-mobile ta' Sultana.

Ċertu Klijent 1, klijent tal-*parlour,* stqarr mal-pulizija li ħallas €50 lill-imputata għall-*hand job* fejn hu ġie mlibbes *condom.*[9] Il-pulizija kompliet tinvestiga w kellmet numru ta' irġiel biex b'hekk saħħet it-teżi tagħha li l-*parlour* kien qed jintuża bħala burdell; fil-fatt numru minnhom ikkonfermaw li kellhom x'jaqsmu sesswalment kemm ma Cutajar kif ukoll ma mara oħra.[10] Dan jikkorrobora messaġġi fuq il-*profile* imsemmi dwar kif il-*parlour* issa kien hemm mara oħra taħdem fih u tagħti servizzi sesswali. Instabu ritratti fil-whatsapp *chats* bejn l-imputati kif ukoll fuq il-Facebook *profile* ta' mara minn rasha l-isfel.[11]

Sultana nnega li kien konxju dwar il-*massage parlour* w l-attivitajiet li kienu jsiru fih, u meta kkonfrontat bil-kontenut tal-messaġġi fuq il-mobile tiegħu qal li ma

[6] Fol.30-31
[7] Fol.33
[8] Fol.32
[9] Fol.33
[10] Fol.35-36
[11] Fol.36

kienx jaf min bagħathom. Fl-istess waqt iżda ammetta li numru ta' messaġġi li nstabu fuq l-istess *profile*, dwar bejgħ t'arloġġi w deheb, kien bagħathom hu! Fuq l-istess mobile kien hemm skambju ta' messaġġi bejnu w l-imputata fejn deher ċar li il-***profile*** **kien wieħed komuni w jintuża minnhom biex imexxu il-*massage parlour*.** Dwar il-flus li nstabu stqarr li kienu *cash settlement* mingħand insurance u filwaqt li ammetta għall-vizzju qawwi li kellu ghad-droga semma li hu jgħix biss bir-*relief* w għalhekk bla ebda introjtu ieħor.[12]

L-investigazzjonijiet waslu lil Pulizija biex tidentifika s-sid tal-ħanut (*parlour*), ċertu Josianne Brincat, li nfurmat lill-pulizija li kienet biegħet il-post ghall-€23,000 *cash* lil raġel mill-Ħamrun li mar mat-tfajla tiegħu, li ġew identifikati bħala l-imputati. Meta ġiet interrogata, Cutajar eżerċitat id-dritt tas-silenzju. Fuq Cutajar instabu ċwievet li rriżultaw kienu tal-*massage parlour*.[13] Instab *VAT receipt book*[14] fil-ħanut il-Fgura iżda li kien jappartjeni lill-imputata fuq *massage parlour* ieħor fil-Mosta. Minn dan ir-*receipt book* inħarġu biss żewġ riċevuti, bit-tieni waħda tkun għal €80 fl-24 ta' Mejju, 2018.[15] Gew esibiti wkoll il-flejjes elevati.[16] Sultana qal lill-investigaturi li l-€2,480 kienu provvenjenti minn wirt u jappartjenu lil Cutajar.[17] Cassar ikkonferma li kien propju minħabba l-fedina mtappna ta' Sultana li l-oġġetti li nstabu fil-vettura qanqlu suspett abbinat mal-fatt li **ma għandux mutur reġistrat fuq ismu.**[18]

In kontro-eżami, mitlub jispjega għaliex l-imputati gew addebitati bir-reat ta' *money laundering*, l-ispettur irrefera għall-ħlas *cash* li sar għall-ħanut, għalkemm il-kuntratt jgħid li saret donazzjoni, kif ukoll għall-fatt li Pawlina ma spjegatx il-provvenjenża tal-flus li nstabu għalkemm intqal li kien hemm wirt. Għall-pulizija deher li dan kien każ ta' *"retention of dirty money"*. Josianne Brincat ma ġietx investigata fuq ħasil ta' flus,[19] lanqas mhu qed jiġi nvestigat in-Nutar Tabone.[20]Madanakollu jwieġeb li l-imputati ġew addebitati bir-riċiklaġġ minkejja li ma nstabet l-ebda traċċa tat-€23,000 [*recte*: €26,000] li ħadet Brincat magħdud mal-fatt li din qalet lill-pulizija li investiethom biex tagħmel il-post!![21]

Saħaq li l-imputati kienu nvoluti fil-ġestjoni ta' burdell u cioe` tal-*massage parlour* li beda jintuża għall-atti sesswali. Kien għalhekk li ġie allegat li qed

[12] Fol.34
[13] Fol.38. **Dok.JC17**
[14] **Dok.JC18**
[15] Fol.38-39
[16] **Dok.JC19** u **JC20**
[17] Fol.40
[18] Fol.60
[19] Fol.745-747
[20] Fol.750
[21] Fol.750-751

jgħixu fuq flus ġejjin mill-burdell minħabba dak li kien qed iseħħ fil-ħanut.[22] Minn investigazzjonijiet rriżulta li l-imputati għandhom wild bejniethom.[23] Dwar dak li nstab fil-vettura ta' Sultana jgħid li l-martell hu forma ta' *safety equipment*, li jippermetti tkissir ta' ħġieġ f'każ li vettura taqa' fl-ilma.[24]

Stqarrija ta' Johan Sultana

Fl-istqarrija tiegħu Sultana jammetti li d-droga b'piż 0.614g kienet tiegħu.[25]Il-Mercedes hi t'ommu iżda jużaha hu wkoll. L-ingwanti kienu differenti, waħda *latex* u waħda suf. Skond Sultana waħda *"tar-racer u l-ingwanta tal-kesħa"*![26] L-unika introjtu tiegħu hu ta' €600 fix-xahar u kuljum jieħu *smack*, bejn 05-1gramme li jixtriha €35 il-gramma. Biex issostni l-vizzju jgħid li *"Ommi tghini hux"* iżda sekondi wara jammetti li ommu ma taħdimx imma *"Li qieghed magħha jahdem"*.[27]Jammetti li jaf li l-affarijiet li nstabu fil-vettura huma illegali għaliex kien instab ħati ta' serq fil-passat u mitlub jgħid fejn hi l-ingwanta l-oħra *"Mela intielfet jew hekk"*[28]. **Jammetti ukoll li l-mobile hu tiegħu**.[29] Din il-konferma hi waħda importanti tenut ta' dak li jixhed fuq il-pedana l-imputat meta jbiddel il-verżjoni totalment!

L-istqarrijiet awdjo viżivi li ttieħdu lill-imputati gew traskritti minn **Dr. Lennox Vella**. Pawlina Cutajar ma wieġbet għall-ebda domanda nkluż jekk għandhiex xi negozju fid-deheb minħabba n-natura tal-messaġġi li nstabu fuq il-*profile* tagħha.[30]

Fl-istqarrija tiegħu Sultana jikkonferma li d-droga hi eroina w li kien *user*. Ilu erba' snin taħt tabib u jmur ghal *methadone*.[31]Ikkonferma l-ewwel stqarrija[32] li rrilaxxa *"le le m'ghandix xi nbiddel"*.[33] B'hekk għal darb' oħra jikkonferma li l-mobile kien tiegħu[34]!

[22] Fol.752-753
[23] Fol.751
[24] Fol.755
[25] **Dok.JC1** a fol.65
[26] Fol.66
[27] Fol.66
[28] Fol.67
[29] Ibid.
[30] Fol.221
[31] Fol.230
[32] **Dok.JC1** a fol.65-67
[33] Fol.239
[34] Fol.67

Mistoqsi jispjega kif fuqu nstab ammont ta' flus sostanzjali, meta hu għandu l-vizzju tad-droga w l-introjtu tiegħu hu biss €600, jgħid li dawk kienu *"Mingħand l-Argus*[35] *.....dawn parti minnhom huma c-ċekk tal-Argus ta' ħamest elef ewro kif ukoll kien hemm flus li Carol Cutajar tathom lil Pawlina li tiġi oħtha, li gew minn wirt*[36]*....Dawk il-flus gew minn wirt, mill-post li ġie mibjugħ Ħaż-Żabbar"*. Skond Sultana Pawlina ħadet €10,000 wara li nbiegħ il-post ghal €80,000.[37] Parti mill-€2,000 kienu flus li Carol tathom biex jitpoġġew fil-kont tal-APS tat-tifla.[38]

Mitlub jispjega kif wara li ittieħidlu l-mobile mill-pulizija xtara ieħor jiswa €580 – skond l-istess imputat – *"Xtrajtu wara hux"*, iżda meta jiġi mistoqsi minn fejn ġab il-flus meta hu ma jaħdimx u għandu l-vizzju ta' droga biddel il-verżjoni u jgħid *"Ghax qlajtu"*.[39] Riċevuta datata propju 29 ta' Jannar, 2019, ghal €580 turi li nxtara One Plus 6T Mirror Black.[40] Wara jgħid li ommu tagħtu l-flus għax kull ma jitlobha kienet ittieħ kif gara bil-Mercedes :

> *"Johan Sultana : Ommi ta', ommi taghtini l-flus, ommi kull ma nitloba tixtrili, din mhux problema. Anke jekk immur fuqha ma nghidila ixtrili gizirana t' ghaxart elef (10,000), taqbad u tixtrihieli ommi.*
> *Spettur Roxanne Tabone : U kemm ghandha flus il-mummy ?*
> *Johan Sultana : Int ma tafhiex. Staqsi lilha hux. Heqq, anke karozza Mercedes ghandi.*
> *Spettur Jonathan Cassar : Tal-ahhar darba.*
> *Johan Sultana : Ghandi Mercedes gdida kwazi imma tal-mummy mhux tieghi.*
> *Spettur Jonathan Cassar : All right, issa . . .*
> *Johan Sultana :* ***Xtratli karozza hi ......... Xtratli karozza hi.***
> *Spettur Jonathan Cassar : Mela . . .*
> *Spettur Roxanne Tabone : Qed nistaqsuk biex inkunu nafu, fhimt ?*
> *Johan Sultana : Ijja, ijja mhux problema.*
> *Spettur Roxanne Tabone : Ghax ghalina ma taghmilx sens.*
> *Johan Sultana : Voldiri qed nurik hux minn fejn jigu l-affarijiet . . .*
> *Spettur Roxanne Tabone : Iva, iva, iva.*
> *Johan Sultana : . . . anke flus u hekk hux, fhimt ?*
> *Spettur Roxanne Tabone : Imma ghalhekk . . .*
> *Johan Sultana : Hi kollox hi.*
> *Spettur Roxanne Tabone :. . . irridek tispjegali.*
> *Johan Sultana : Iva, kollox hi.*
> *Spettur Roxanne Tabone : Ghax jiena ma tagmilx sens kif qed jghidlek l-Ispettur.*
> *Johan Sultana : Ma taghmilx sens ghala ?*
> *Spettur Roxanne Tabone : Ma taghmilx sens li jkollok Mercedes . . .*
> *Johan Sultana : Ghidli ghaliex.*

[35] Fol.241
[36] Fol.242
[37] Fol.243
[38] Fol.244
[39] Fol.245.
[40] **Dok.JC7** a fol.76-77

*Spettur Roxanne Tabone : . . . dawn wara . . .*
*Johan Sultana : Dik t'ommi mhux tieghi, t'ommi.*
*Johan Sultana : Imma jien dik irridek tispjegali jahasra.*
*Johan Sultana : Qed nispjegalek.*
*Spettur Jonathan Cassar : U ommok x'tahdem ?*
*Johan Sultana : Ommi, ommi qieghda ma' wiehed u jista', kapaci jista'hux. Qieghda ma' persuna jista', heqq. That's all. Ommi mhux ma'missieri.*
*Spettur Jonathan Cassar : U jigifieri dan il-persuna m'ghandhux problema li ommok tixtrilek l-affarijiet ?*
*Johan Sultana : Le, le, m'ghandux problema, m'ghandux problema, lanqas xejn. Anke meta qabel ma hrigt mill-habs, kelli tmint elef euro (EUR 8,000) multi kollha hallasomli qabel hrigt."*[41]

Ikkonfrontat bil-messaġġi li nstabu fuq il-*profile* fuq il-mobile tiegħu li jindikaw mistoqsijiet (*enquiries*) dwar servizzi sesswali li kienu jingħataw u l-prezz relattiv, jgħid li ma jaf xejn dwarhom jew dwar il-ħanut bl-isem Bliss *Massage "Ma nafx bih dak…ma nafx bih dak"*.[42] Dan minkejja li **l-messaġġi nstabu fuq Facebook *profile* li kien jaċċedi għalih mill-mobile tiegħu** kif jirrizulta mill-provi!

Saħansitra jaqa' fl-assurd meta, dwar messaġġi li rċieva mingħand Pawla - li qeda *saved* fuq il-mobile tiegħu bħala *"Paola Girlfriend"* - jgħid li *"Ma nafx biha, ma nafx biha"*, u dan wara li jammetti li Pawlina kienet it-tfajla tiegħu *"għax ahna on and off, mhux dejjem"*.[43] Jiċħad li kien imexxi Bliss *Massage* flimkien ma Pawlina.[44]

Stranament fuq l-istess *profile* hemm messaġġi dwar deheb. Sultana li ftit qabel stqarr li ma kienx jaf juża l-*profile* msemmi biex jibgħat messaġġ – *"jien ma niktibx qatt ma ktibt lil xi hadd bih jew hekk….Imma ma ktibt xejn bih jien, mhux jien"*[45]u *"il-profiles lanqas huma tieghi"*[46], issa jammetti li l-messaġġi dwar deheb bagħathom hu *"Iva, dawk iva"* u *"Jiena nibghat, jiena naf zgur li bghatt ghal xi dehebijiet u affarijiet minn dawn"*.[47] Inkonsistenza waħda wara l-oħra li xxejjen il-kredibbilita` ta' Sultana li jasal jgħid li qatt ma nduna bil-messaġġi rigward il-*massage*s fuq *profile* li kien juża hu stess *"Lanqas qatt ma tajt każ. Jien xi tridni noqghod nidhol nara?"*[48]

[41] Fol.246-247
[42] Fol.248
[43] Fol.242
[44] Fol.255
[45] Fol.252
[46] Fol.256
[47] Fol.262-263.
[48] Fol.266

Jinsisti li **ma jaf xejn dwar il-ħanut Bliss *Massage*** *"lanqas irrid inkun naf…il-messaġġi ma nafx bihom…Mhux jien bghatthom"*. Jerga **jgħid li ma jafx ta min hu l-ħanut** *"M'ghandix nidhol fiha, ma rridx inkun naf"*.[49] Anke dwar messaġġi tal-whatsapp jgħid li *"Ma nafx inhaddmu l-Whatsapp"*[50] għalkemm **jikkonċedi li l-mobile tiegħu** w ma jagħti l-ebda isem ieħor ta min seta' użalu l-mobile![51] Ma jagħtix spjegazzjoni kif kien jagħmel użu mill-Facebook *profile* ta' Pawlina Cutajar li jaċċedi għalih bil-*username* tiegħu[52] minn fuq il-mobile li jikkonferma kien tiegħu *"Ma nafx bih dan il-kontenut"*.[53]

Fil-*contacts* tal-mobile tiegħu il-ħanut tal-Fgura hu reġistrat bħala **"My *Shop* Fgura Bliss 99814324".[54]** Jibqa' l-fatt li wara tant drabi saħaq li ma jafx juża l-Facebook, jikkonferma li **għamel użu minnu rigward xi bejgħ ta' deheb**!

**L-Ispettur Roxanne Tabone** tat ir-retroxena ta' dak li wassal sabiex jitressqu l-imputati w spjegat kif fit-28 ta' Jannar, 2019, kienet ġiet infurmata mill-Ispettur Cassar rigward messaġġi b'konnotazzjonijiet sesswali fuq mobile li nstab fuq Sultana meta dan twaqqaf mill-Pulizija.[55] L-ispettur tiddeskrivi dak li rriżultalha fl-investigazzjoni tagħha:

*"Meta jiena ccekjajt il-mobiles sibt illi* ***kien hemm Facebook profile miftuh fuq dan l-istess mobile ta' Johan Sultana li kien jghajjat l-isem ta' Paula Cutajar bil-username m.me/xjohann.sultana*** *fejn dan il-profile kien kontinwament jikkomunika ma' diversi rġiel fejn kien jidher car li jsir xoghol ta; burdel. Kien hemm irġiel jistaqsu ghal massaggi fejn irrizulta li s-sess kien parti minn pakkett offrut. Kien hemm messaġġi fejn bdiet tiġi riklamata nikkwota 'a new English girl' fejn kien hemm anke ritratti ta' din l-persuna. Kien hemm ukoll messaġġi fejn dan il-profile beda jsaqsi nisa jekk kinux interessati jahdmu maghhom jew inkella kellhomx bżonn impjieg. Kien hemm ukoll messaġġi fejn kien hemm miktub dawn l-irġiel jekk naghmlu kollox hux hekk qed jistaqsu lil din il-persuna, u kif ukoll happy ending. Dan il-mobile Samsung bl-IMEI number 35522009392205/01 u 355221093932203/01 ġie mghoddi lil PS 422 tat-Taqsima tal-Forensika"*.[56]

Jirrizulta mir-rapport ta' Keith Cutajar li il-mobile b'dak l-IMEI kien dak li ġie mmarkat **JC8,** Samsung SM-G965F Galaxy S9.[57]

---

[49] Fol.272
[50] Fol.275
[51] Fol.277
[52] Fol.282
[53] Fol.280
[54]Vide file **SIM Card.xry XRY Viewer**, Index 11
[55] Fol.545-546
[56] Fol.546
[57] Fol.322

Tispjega kif bejn l-ewwel u t-tieni arrest ta' Sultana, il-Pulizija wettqet sorveljanza fuq il-ħanut Bliss *Massage* f'64 Triq San Pietru, Fgura, fejn dehru deħlin u ħierġin numru ta' rġiel. Għall-ħabta tas-2.45pm mara biddlet lil Pawlina. Ġew mitkellma numru ta' rġiel li dehru jiffrekwentaw il-ħanut, li kkonfermaw li ħadu servizzi sesswali fl-istess ħanut.[58] Tkompli li Sultana ġie interrogat *"Meta mistoqsi rigward whatsapp messages bejnu u bejn Pawlina hu kien qal ma kienx jaf bihom. Kien hemm ukoll riferenza bejniethom ghal Facebook profile Paula Cutajar. Meta Johan beda jitkellem ma Pawlina fuq whattap messages beda jirreferi fuq il-profile ta' Paula Cutajar. …..f'konverżazzjoni ma numru barrani kien hemm miktub 'I use my wife Facebook'"*.[59] Tispjega wkoll kif kienet ġiet mitkellma Josianne Brincat li kkonfermat li l-imputati kienu marru għandha w li hi biegħet il-ħanut għal €23,000 [*recte*: €26,000] cash lill-imputat.[60]

In kontro-eżami tgħid li l-osservazzjoni fuq il-ħanut kienet mifruxa fuq jumejn fejn f'okkażjoni minnhom ma kienu nnotaw xejn għaliex il-ħanut kien magħluq.[61] Meta Pawlina kienet fuq barra tal-ħanut, dehret tkellem tfajla li mbagħad daħħlet fil-ħanut u bidlitha; peress li kienet għada għaddejja l-investigazzjoni din ma ġietx mitkellma.[62] Taqbel li *wipes* u *baby oil* huma għodda tal-mestier.[63] Il-messaġġi li rat bejn Johan u Pawlina kienu anke biex jinġieb *condoms* fil-ħanut.[64]

**PS422 Neil Caruana** xehed kif fid-29 ta' Jannar, 2019, ġie mgħoddi *mobile phone* u *sim card* li minnhom ħareġ *extractions* li jiffurmaw parti mir-rapport minnu esibit.[65] **WPS69 Lindsey Magro** spjegat kif kienet hi li għaddiet iċ-ċellulari lis-Surgent 422 wara li nġib fis-sezzjoni tal-forensika minn WPS94 li fix-xhieda tagħha tikkonferma li kienet preżenti għall-interrogazzjoni tal-imputati. Dawn l-istess *devices* gew analizzati mill-espert Cutajar u jidhru elenkati fir-Rapport tiegħu bħala **Dok. JC9** u **JC 12**.[66]

**PC27 Alan Zahra** flimkien ma WPS94 u WPC330 għamel tfittxija fil-ħanut Bliss *Massage*, il-Fgura, fejn gew elevati tlett pakketti *wipes, baby oil, vat receipt* book, u żewġ *mobiles* tal-marka Nokia.[67] Spjega kif kien għamel darbtejn *observation*

---

[58] Fol.547-548
[59] Fol.548
[60] Fol.548-549
[61] Fol.763-764
[62] Fol.764-765
[63] Fol.765
[64] Fol.766
[65] Fol.525. Rapport **Dok.NC** a fol.526 et seq. *Extraction* a fol. 527 **19 AEV 01** (fol.529)
[66] Fol.322
[67] Fol.192-193

mal-ħanut fejn darba minnhom ra raġel dieħel li wara 20 minuta reġa' ħareġ. Ra mara dieħla u ftit wara ħarġet l-imputata.[68] Jispeċifika li kien hemm trapass ta' xi kwarta fejn z-żewġ nisa kienu jinsabu flimkien ġol-ħanut.[69]

**WPC330 Joanna Borg** ikkonfermat dak li xehed Zahra rigward it-tfittxija w dak li ġie elevat. Kienet preżenti meta ġew mitkellma Frank Mallia, Joseph Galea u Malcolm Balzan.[70] Dak kollu li qalu dawn l-irġiel lill-Ispettur Tabone xehduh *viva voce* f'dawn il-proċeduri. In kontro-eżami spjegat kif l-osservazzjoni kienet mifruxa fuq darbtejn fejn jum minnhom il-ħanut Bliss *Massage* kien magħluq u f'okkażjoni oħra damu josservawh għal madwar xi siegħa.[71] Kienet rat lil Pawlina fuq barra tal-ħanut.[72]

**WPS94 Claire Casha** kkonfermat dan kollu w żiedet kif il-ħanut kien nadif tazza bid-*dustbins* battala. Kienet preżenti kemm għall-istqarrija ta' Cutajar, meta gew mitkellma xi klijenti tal-ħanut in kwistjoni[73] kif ukoll John Baptist Degiorgio. In kontro-eżami tgħid li sal-ħin tat-teħid tal-istqarrija, Cutajar ma kienitx qed tiġi nvestigata fuq *money laundering*.[74] Għalkemm klijenti ddeskrivew kif Cutajar tathom *condoms*, fil-ħanut ma nstabux *condoms* għaliex kien *"nadif tazza"*.[75] In kontro-eżami tixhed li Pawlina fetħet il-ħanut dakinhar li saret it-tfittxija għaliex il-ħanut kien magħluq; minn ġo fih gew elevati żewġ mobiles flimkien ma *VAT receipt book, wipes* u *baby oil.*[76]

**PC760 Christopher Saliba** iddeskriva kif fis-27 ta' Jannar, 2019, kmieni filgħodu, waqt *patrol* lemħu uffiċjal mit-*traffic* li kien waqqaf vettura ACB 535 għaliex is-sewwieq kien qed **juża l-mobile waqt li jsuq**.

Din l-osservazzjoni takkwista sinifikat meta fix-xiehda *viva voce* l-imputat jgħid li l-mobile – Samsung Galaxy S9, **Dok.JC8** – kien fuq is-*seat* ta' wara għax Pawlina Cutajar tagħtu lill-binthom minuri li nsietu warajha. B'dan jintwera kif m'hemmx limitu għall-gideb ta' Sultana.

Flimkien ma PC1564 saret tfittxija relatata mad-droga: *"**fic-centre console kien instab pakkett bi trab kannella, suspettata droga eroina kif ukoll ingwanta**. It-tfittxija kompliet u fil-glove box ta' din l-istess vettura, **fil-glove box instabu***

[68] Fol.778
[69] Fol.780
[70] Fol.194-196
[71] Fol.773
[72] Fol.775
[73] Fol.288
[74] Fol.289
[75] Fol.290
[76] Fol.770

***ingwanta, balaclava, martell tal-ħġieġ u ukoll miżien elettroniku****. Minn hemmekk gew issigillati l-affarijiet u elevati u eskortajna lill-vettura kif ukoll il-persuna ta' Johann Sultana lejn id-depot…. Aktar tard Johann Sultana ġie rrilaxxat fuq Police Bail ghat-8 ta' Frar fejn fit-8 ta' Frar, jien flimkien ma' PC 1564 konna ergajna xoghol u kmieni filghodu rega' qalli l-Ispettur li għandu mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Johann Sultana. ……..fuq il-persuna ta' Johann Sultana fejn fil-but tiegħu kont sibt ammont ta' flus kontanti li jammontaw ghall-elf u erbgha mija u sittin ewro u hemmekk bdiet it-tfittxija lejn ir-residenza tiegħu. Ir-residenza mmarkata bħala Entratura E flat 7 Triq is-Sewwieqa l-Ħamrun. Fejn minn go din ir-residenza fi tfittxija li saret fil-main bedroom, in-naha tal-gradenza, kien hemm sezzjoni li tidher ta' xi hadd femminili, kien hemm purse li kien jidher li ta' xi hadd femminili …jekk miniex sejjer zball l-ammont ta' elfejn, 400 mija u 80 ewro, kif ukoll imbaghad komplejna t-tfittxija fir-residenza fejn go spare bedroom kien hemm kakiena tal-metall u go din il-kakiena* [sic] *kien hemm ammont ta' flus kontanti li jammontaw ghal 3600 ewro. …. meta kien twaqqaf l-ewwel darba originarjament fis-27 ta' Jannar <u>fuq il-persuna tiegħu kien instab mobile phone tal-marka Samsung</u>".*[77] Fil-portmoni femminili nstabu l-liċenzja tas-sewqan u l-karta tal-identità ta' Sultana.[78] **PC1564 Kyle Zammit** ikkonferma l-verżjoni mogħtija minn PC760 rigward it-tfittxija fil-vettura ta' Sultana kif ukoll dik li saret fir-residenza indikata minnu minn fejn gew elevati flus kontanti.[79]

M'hemmx dubbju li kien Sultana li kien qed juża s-**Samsung S9,** dokumentat f'dawn l-atti bħala **Dok.JC8**. Il-kontenut ta' dan il-mobile anzi l-kontenut tiegħu hu l-<u>pern</u> tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u tar-raba imputazzjoni u dan senjatament fil-konfront ta' Sultana.

L-imputat **Johan Sultana** ħa l-pedana tax-xiehda w mill-ewwel jiżbarka fuq sensiela ta' fabbrikazzjonijiet fejn konxju tal-fatt li l-mobile, li nstab fil-vettura tiegħu kien ser jinkriminaħ, <u>mobile mimli messaġġi dwar servizzi sesswali</u>, jasal jagħmel dikjarazzjonijiet li jisfidaw il-loġika w is-sens komun. Bla mistħija jew rispett għal ko-akkużata - omm bintu minuri, fejn ma jżommx lura milli jenfasizza li bejniethom hemm diżgwid: *"Ahna ifhem nitkellmu biss habba it-tifla"*[80]– jipprova jħammeġ lilha billi jixhed li kienet għaddiet il-mobile tagħha lill-binthom u nsietu fuq is-*seat* ta' wara. Jinsa Sultana li x-xiehda tiegħu ma tiswiex bi prova kontra l-imputata!

---

[77] Fol.292-293
[78] Fol.296
[79] Fol.300-301
[80] Fol.919

Ovvjament nesa Sultana li hu ġie interċettat minn PC1564 u PC760 li xehdu li l-mobile **Samsung S9 kien f'idejn Sultana hu w jsuq** u kien propju għalhekk li twaqqaf minn pulizija tat-Traffic! [81]

Jiċħad li kien juża whatsapp jew Facebook meta, kif ser jintwera aktar il-quddiem, jirrizulta ampjament bil-kuntrarju: *"**Xhud**: Iva qalli ghal xi Facebook u xi Whatsapp. Jien Facebook u Whatsapp lanqas naf inhaddimhom. .....[**Avukat**: Lanqas taf thaddimhom?] **Xhud**: Le. Jien skola ma nafx nikteb u naghmel hu."*[82].

In kontro-eżami tispikka d-diffikultà tiegħu meta jiġi rinfaċċjat bil-fatt li fl-istqarrija kien iddikjara li l-mobile **kien tiegħu**.[83] **Fiż-żewġ drabi** li ġie mitkellem mill-pulizija dejjem sostna li l-mobile kien tiegħu! Fl-ewwel stqarrija tiegħu meta l-ispettur Cassar staqsih *"Qed nurik mobile phone IMEI355220093932205/01 u 355221093932203/01. Naqblu li tieghek?"* Sultana wieġeb mingħajr tlaqliq ***"Iva mela"!***[84]

Fit-tieni stqarrija wara li jikkonferma l-kontenut tal-ewwel stqarrija (fejn *inter alia* kkonferma li l-mobile kien tiegħu), Sultana jtenni li l-mobile kien tiegħu iżda hu ma kienx jaf jikteb!: ***"Il-mowbajl tieghi***.......[dwar il-messaġġi li nstabu fuqu]... *M'ghandix spjegazzjoni ghalihom għax ma nafx bihom. ...., jien ma niktibx, qatt ma ktibt lil xi hadd bih jew hekk, dik hi....... Jien naf ma rridx inkun f'tahwid, **jiena naf li l-mowbajl huwa tiegħi**, li l-karti huma tiegħi, dawk il-flus li nstabu huma tiegħi . . ."*. Sultana jispiċċa jidħol fi sqaq waħdu meta filwaqt li jammetti li **ħadd ħliefu ma juża l-mobile tiegħu**, il-messaġġi li nstabu mibgħuta minnu sabu ruħhom fuq dan il-mobile b'mod misterjuż:

> *Spettur Roxanne Tabone : Min juzah dan il-mowbajl ?*
> *Johan Sultana : Mhux veru. Dak mhux jien bghattu.*
> *Spettur Jonathan Cassar : Min juzah dan il-mowbajl ?*
> *Johan Sultana : Dak ma nafx bih jien.*
> *Spettur Jonathan Cassar : Min juzah dan il-mowbajl ?*
> *Johan Sultana : **Min juzah il-mowbajl ? Il-mowbajl tieghi** imma ma nafx bih dak jien li hemm hemm.*[85]

Dan kollu jservi bħala testimonjanza dwar il-karattru ta' Johan Sultana. Hu bniedem li l-verità għalih hi fluwida, ma tfisser xejn u mhux kapaċi jagħti ebda valur jew sustanza għal kliem li jlissen minn fommu! Ma jaħsibx darbtejn biex imeri s-sewwa magħruf u jipprova jinkrimina lill-omm bintu. Jigdeb b'faċilità

[81] Fol.292
[82] Fol.920
[83] Fol.67
[84] Fol.67
[85] Fol. 277

daqslikieku qed jieħu n-nifs. Ix-xiehda tiegħu tesponih bħala *a compulsive liar*; persuna li ma tista' tingħata l-anqas uqija ta' kredibbilita jew affidabbiltà. Il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xiehda offriet mera tal-karattru tiegħu fejn konstantement jipprova jevadi milli jwieġeb is-sewwa, il-veru. Hu w jwieġeb għad-domandi, inkluż mid-difensur tiegħu, jaħrab mill-ħarsa tal-Qorti w minflok idawwar rasu l'hawn u l'hin, iħares il-fuq u f'waqtiet lejn ix-xellug tiegħu lejn il-baħħ tal-ħajt tal-awla! L-skomfortezza tiegħu biex joffri risposti li għandhom mis-sewwa hi tanġibbli w evidenti.

Ix-xiehda ta' Sultana ikkonvinċit lill-Qorti li dak kollu li qal m'għandux mis-sewwa. Sultana wera li hu bniedem inveritjier, ma jaspiralek l-ebda fiduċja biex ittih xi farka ta' kredibbilita w assolutament dak li jgħid jibqa' vojt w astratt; bħal duħħan li jisfuma fix-xejn. Ma tistax torbot fuqu w wisq anqas tista' tagħti farka piż lil dak li jgħid.

Il-Qorti ma setgħetx ma tinnotax li issa li ngħata l-opportunita` jagħti spjegazzjoni għal kif ġie ffinanzjat il-ħanut ġewwa Fgura, dan baqa' **ma jlissen lanqas sillaba waħdanija f'tentattiv biex jaqleb il-preżunzjoni** li tiskatta mill-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Minflok id-difiża tiegħu hi li mara li ma jafhiex minn Adam u ltaqa magħha biss meta mar jara l-ħanut in kwistjoni, mit-tjubija ta' qalbha għaddietlu l-ħanut b'donazzjoni. Ħabta w sabta bħal sajjetta mill-bnazzi spiċċa sid ta' ħanut. Jistenna li din il-Qorti temmen li mhux ommu biss tagħtih rigali bħal ġiżirajjen tad-deheb jew xi Mercedes, iżda hu fortunat biżżejjed li persuna barranija w stranġiera tirregalaħ b'ħanut mill-ġenerożità ta' qalbha minflok tiegħu kif kienet ippjanat li tagħmel.

Din il-preżunzjoni legali ser tiġi ikkunsidrata aktar il-quddiem meta jiġu analizzati l-provi in sostenn tar-raba imputazzjoni, dik ta' riċiklaġġ.

Ikkunsidrat,

<u>L-Ewwel u T-Tieni Imputazzjoni</u>

L-ewwel żewġ imputazzjonijiet jittrattaw ir-reati kontemplati bl-artikoli 7 u 9 tal-***Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni***.

L-imputata Pawlina Cutajar irreġistrat <u>ammissjoni</u> fuq it-tieni imputazzjoni.

- *Provi*

Qabel ma tiġi kunsidrata x-xiehda ta' diversi klijenti tal-*parlour* ser jiġi kkunsidrat dak li nstab fuq l-apparat elettroniku li ġie elevat mingħand l-imputati.

**Keith Cutajar** spjega kif analizza mobile u *sim cards* li kien jappartjeni lill-imputata Cutajar. Dan irriżulta kien **jintuża fil-Fgura – propju fejn jinsab il-ħanut Bliss Massage** - w min fuqu nstabu xi messaġġi fuq il-Whatsapp.[86] Jispjega *"ghal fini tar-rapport meta bdejt naghmel l-extraction, is-SIM card, in-numru tal-Whatsapp immeccjat man-numru tal-mobile, qed nitkellmu fuq is-**79327643**, biss, meta jsiru extractions ta' dan il-każ li illokja u hrigt ftit data u hekk, meta ssir extraction kollha ta' Whatsapp, dak l-extraction, dak il-package ikun unique ma' ICCID partikolari".*[87]

Il-Qorti analizzat ukoll is-CDs bl-informazzjoni relattiva annessa mar-rapport tal-espert Keith Cutajar.[88] CD1[89] tikkontjeni, *inter alia, data* tal-mobile elevat mingħand Sultana (**JC8** is-Samsung Galaxy S9) *sim card* tal-Melita li nstabet f'borza **JC12-LSIM01.**

F'**JC10-MB01** fuq l-istess Disc 1, li nstabu fil-*massage parlour*[90] jidhru messaġġi jistaqsu jekk hemmx tfajliet Maltin u jekk hux ser ikunu miftuħin għal massaggi fosthom ***"Ha tiftah fxi hin illum paula?? Thanks"*** (09/2/2019).[91]

*Eżami tad-Devices Elevati*

Fl-ewwel lok tajjeb li jiġi stabbilit liema *devices* jappartjenu lil kull wieħed mill-imputati.

---

[86] Fol.312-313. Rapport **Dok.KC** a fol.319 et seq

[87] Fol.316

[88] **Appendici 1** a fol.366

[89] Fuqha hemm id-data relatata ma **JC11**, One Plus, mobile ġdid li ġie elevat minn fuq l-imputat meta ġie interrogat it-tieni darba

[90] Fol.63

[91] Messages Inbox Excel Manual Data Extraction. **JC10-MB01**
Instabu messaġġi mibgħuta propju meta l-imputati kienu arrestati in konnessjoni mal-imputazzjonijiet odjerni: *"Meta nista nigi ekk jogbok al messagi tajbin"* bl-istess messaġġ jintbagħat minn fuq ċellulari ieħor fl-istess jum (10/02/2019 11:53 u 16:42); ***"Ha tiftah fxi hin illum paula?? Thanks"* (09/2/2019);** *"Hello, can you do your massage in my place?* u *"Are Maltese girls available now?"*, messaġġ mibghut fis-7 u fit-8 ta' Frar 2019.

- *Mobile ta' Pawlina Cutajar: Samsung Galaxy S5-* ***JC9***

Il-mobile, Samsung SM-J530F Galaxy J5, li hu mmarkat Dok.**JC9,** fil-*contacts* reġistrati fih jidher reġistrat isem 'Johann' bin-numru 35699941834 filwaqt li d-*device information* tindika '**Pawlina Cutajar 79327643**'. Fuq is-*Sim card* abbinata ma dan in-numru fil-*contact list* tagħha nsibu reġistrati Carol **oħti**: 99037178, Johann +35699941834 u Hanut Fgura +35699634724 fost kuntatti oħra. M'hemmx dubbju li dan hu l-mobile użat minn Cutajar.

CD 2 annessa mar-rapport tal-espert Cutajar tikkontjeni d-*data* maħruġa mill-mobile tal-imputata **JC9** fuq liema ċellulari l-analiżi diġitali saret b'suċċess.[92] Fuqu jidhru diversi ritratti tal-imputati Sultana w Cutajar flimkien ma tifla ċkejkna li fil-maggior parti jkunu *selfies* tal-imputata Cutajar.[93]

Dwar il-*whatsapp chats* fuq dan id-*device*, għalkemm l-espert irrapporta li l-kommunikazzjoni fuq *whatsapp* minn fuq dan il-mobile ma setgħetx tinħareġ - peress li l-verżjoni tal-programm kien antik u s-servizz bis-*sim card* maqtugħ - l-espert xorta laħaq ħa nota ta' dawk ic-*chats*[94]. Mir-rapport tiegħu[95]jirrizulta kif mill-analiżi kondotta mill-*mobile phone* ta' Pawlina Cutajar (**JC9**[96]), fuq *simcard* tal-GO u *sd card:*[97]

> *"Lahaq innota xi messaġġi li jiddokumentaw:*
>
> - *Is-sinjura Pawlina Cutajar kienet toffri* ***lejl b'attività` sesswali bil-protezzjoni ghall-prezz ta' Euro 600****;*
> - *Is-sinjura Pawlina Cutajar kienet toffri servizzi ta' messaġġi bil-****happy ending*** *lil klijenti tagħha li kienu jkellmuha fuq is-sistema WhatsApp; u li*
> - *Is-sinjura Pawlina Cutajar kienet toffri dawn is-servizzi ta' messaġġi f'post ġewwa l-Fgura.".*[98]

Bi qbil[99] bejn il-partijiet dawn il-messaġġi jerġa jikkonfermahom l-espert Cutajar.[100]

---

[92] Appendici 1 Disc 2/2 a fol.366
[93] Directory OXYGEN.File TIMELINE
[94] Fol.334
[95] **Dok. KC** a fol.319 et seq
[96] Xhieda Spettur Cassar fol.37. Vide ukoll fol.62
[97] Fol.322
[98] Fol.334
[99] Fol.804
[100] Fol.805

Fil-fatt il-Qorti ma straħietx fuq dak li kkonstata l-espert Cutajar iżda għażlet li tivverifika w taqra dawn ic-*chats hi wkoll*. Dan kien dovut għall-fatt li c-*chats* li irrifera għalihom Cutajar saru mal-imputat Sultana w **b'konsegwenza nstabu fuq il-mobile li ġie elevat mingħandu (JC8,** Samsung Galaxy S9).

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-kontenut tal-*extraction* li sar fuq id-*device*s li ttieħdu mingħand Sultana, liema *extraction* saret minn PC422 u ġiet reġistrata fuq CD[101] fejn instabu l-istess *chats* li saret riferenza għalihom mill-espert Cutajar!! Dan il-kontenut jikkonferma mingħajr ombra ta' dubbju li **l-imputati kienu qed jiġġestixxu burdell minn ġol-ħanut Bliss *Massage* fil-Fgura fejn l-imputata stess kienet ukoll tagħti servizzi sesswali bi ħlas.**

- *Samsung Galaxy S9 (**Dok. JC8**) u Sim Card Melita (**Dok. JC12**) li jappartjenu lil Imputat Johan Sultana.*

Mix-xhieda ta' PS422 Caruana jirrizulta li kien hu li analizza s-Samsung Galaxy S9 *u Sim Card* tal-Melita. Fuq dan l-apparat saret *extraction* li ġiet reġistrata fuq CD.[102] Dan l-apparat irriżulta li **nstab fuq l-imputat meta ġie mwaqqaf minn PC760 u PC1564** *"meta kien twaqqaf l-ewwel darba originarjament fis-27 ta' Jannar fuq il-persuna tiegħu kien instab mobile phone tal-marka Samsung"*.[103]

Mill-*phone book* ta **JC12-LSIM01** (*sim card* tal-Melita meħud mingħand Sultana)[104] jidher reġistrat is-segwenti: *"**11.My Shop Fgura Bliss +35699814324**"* kif ukoll ghad ta' ismijiet ta' tfajliet fosthom *"Leila To Work In Shop+447484641703; Maltese Woman Work 99814727; thai girl work +35699638431; Massage Work 99635996 ; **Paula Vodafone 99756887;** Gold 99456290; Rolexinouk +447599464962; Nederland Rolex +31653461256; Rolex.9000e Presi +35679009949 u Rolex Emron +447983644098*. Fil-*contacts* misjuba fuq **JC8**[105] apparti għall-istess kuntatti jinsabu wkoll reġistrati George Gram +35699499156; **Fgura shop 99634724**; English clients +44 7747 540384.

In-numri +35699814324 u 99634724 huma propju n-numri li jidhru fuq avviżi li jiġu *posted* fuq il-Facebook *page* ta' Cutajar bħala n-numri li wieħed għandu jċempel ghall-appuntamenti!

Il-Qorti għalhekk eżaminat b'reqqa l-kontenut ta' dak li nstab fuq iċ-ċellulari u *sim card* li gew elevati minn fuq l-imputat meta dan ġie arrestat minn PS760 u

[101] Fol.527
[102] Fol.527
[103] Fol.292-293
[104] Fol.62
[105] File **Aggregated Contacts**

PC1564. L-Ispettur Tabone tixhed li *"Dan il-mobile Samsung bl-IMEI number 35522009392205/01 u 355221093932203/01 ġie mghoddi lil PS 422 tat-Taqsima tal-Forensika"*.[106]

Jirrizulta mir-rapport ta' Cutajar li il-mobile b'dak l-IMEI kien dak li ġie mmarkat **JC8,** Samsung SM-G965F Galaxy S9.[107] Fir-rapport tiegħu Keith Cutajar jispjega li l-analiżi tad-*diskette*[108] tal-Galaxy S9 (**JC8**[109]) tagħti bħala *device information* in-numru 99941834, in-numru abbinat maċ-ċellulari tal-imputat Johann Sultana.[110] Bħala *contacts* insibu reġistrati Mosta *Shop*, Fgura *Shop*, Thai Girl, Paula Gf bin-numru **79327643** (li gja ntqal jappartjeni lil Paula Cutajar), Mum, UK Mercedes *parts.*

Kif intqal il-mobile u *Sim card* abbinati mas-Samsung Galaxy S9 - li nstab juża Sultana - saritilhom *extraction* minn PS422 u ġiet reġistrata fuq CD. [111] Fuq din is-CD, formanti parti mir-rapport **Dok.NC,**[112] jinstab file bl-isem *Android* fejn fih hemm *chats* li jirrisalu senjatament għal l-aħħar ġimgħa ta' Diċembru, 2018 u Jannar, 2019.

Meta jitqies il-kontenut ta' dawn ic-*chats* ma jifdalx dubbju dwar dak li kien iseħħ fil-ħanut Bliss *Massage* fil-Fgura. M'hemmx dubbju li l-imputati kienu qed jiġġestixxu dan il-ħanut li fih kienu jingħataw **servizzi sesswali**.

Dan ic-*chat* jappartjeni il-*call number* **99941834** li kif tixhed id-*device information* tas-*Sim* card (USIM)[113] hu abbinat maċ-ċellulari li nstab fuq Sultana (**Dok.NC** u Vide Appendiċi 1, **Dok.JC8** fuq Disc 1[114]). M'hemmx dubbju is-*sim card* jappartjeni lil Sultana kif wara kollox anke jappartjeni lilu l-Samsung Galaxy għaliex fuq iż-żewġ *device*s hemm reġistrat in-numru tal-imputata Cutajar li tinsab reġistrata f'entrambi bħala Paula Gf (Gf indubbjament tfisser *girlfriend*) bin-numru **79327643.** Kuntatti oħra reġistrati fuq is-*Sim card* hu dak bl-isem ***"My Shop Fgura Bliss 99814324"***[115] u ***'Paula Vodafone 99756887'.***[116]Numru ta'

---

[106] Fol.546
[107] Fol.322
[108] **Disc 1**
[109] Vide **Dok.CS** a fol.299-300, xhieda PS760 a fol.292-297. Vide wkoll **JC5** a fol.71-74. Vide ukoll fol.62.
[110] Vide file SIM Card.xry XRY Viewer
[111] Fol.527
[112] **Dok.NC** a fol.526 et seq
[113] Vide file SIM Card.xry XRY Viewer
[114] Fol.366
[115]Vide file SIM Card.xry XRY Viewer, Index 11
[116] Vide file SIM Card.xry XRY Viewer, Index 44

kuntatti oħra huma reġistrati bħala konnessi mad-ditta Rolex u UK Mercedes *Parts*.

Jiġi sottolinejat li meta Sultana jikkomunika ma klijenti w impjegati potenzjali, **jagħmel ta' bir-ruħu li hu Pawlina Cutajar,** saħansitra jagħti ismu bħala 'Sabrina' meta jidħol f'*chat* ma waħda li tgħid li qegħda Napli! Jitkellem daqslikieku huwa hu li jagħti l-*massages* u li jaħdem il-ħanut. Iżda dan l-ingann malajr jinkixef meta jiġi kkunsidrat li Cutajar, permezz tal-mobile tagħha, tirriżulta tikkonversa w tikkomunika miegħu. Biex ma jingħad xejn kif bl-istess numru jagħmel kuntatt ma persuna fl-Ingilterra biex jixtri *parts* ghall-vettura Mercedes! L-akbar prova ta' dan hu meta l-imputat jikkonferma ma dan il-bejjiegħ tal-parts tal-Mercedes u jgħidlu li għalkemm m'għandux Facebook tiegħu,***"I use my wife fb Pawlina Cutajar"*** tant li jibgħatlu l-l*ink* ghal Facebook *profile* tagħha.[117]

*Kontenut tad-Data*

- File SAMSUNG SM…GALAXY

Fil-*contacts* tinsab reġistrata l-imputata fejn tidher f'ritratt abbinat man-numru 79327643 u reġistrata bħala "*Paula Gf*". Hawn jinsab kuntatt b'numru Ingliż UK Mercedes *Parts*. Indikazzjoni, kif wara kollox tixhed il-konverżazzjoni ikkunsidrata aktar l-isfel, meta kif ingħad jagħmel kuntatti ma persuna l-Ingilterra biex jixtri *parts* ghal Mercedes, kemm fil-fatt dik il-vettura hi tiegħu w mhux ta' ommu għalkemm hi reġistrata f'isimha!

- File ANDROID

Fil-fatt jinstabu grupp ta' *chats* li jifformaw parti minn konverżazzjoni li tkompli tikkonferma li dan il-*call number* kien ta' Sultana. L-imputat ikkuntattja persuni dwar *spare parts* ghal Mercedes u meta jiġi mistoqsi għandux Facebook *profile* jammetti li ***"I use my wife fb Pawlina Cutajar"*** u **jibgħatlu *link* għal Facebook *profile* tagħha!** (21 ta' Dicembru, 2018 fil-07:50hrs) Il-*parts* li qed jipprova jixtri huma "*not only bumper. Also bumper trim and driver side exhaust chrome*".

Hawn jintwera kemm hu inveritjier l-imputat meta fl-istqarrija jgħid li ma jafx jikteb!! Minn imkien ma ġie pruvat li Pawlina kitbet dan il-messaġġ "*I use my wife fb Pawlina Cutajar*" jew xi messaġġ ieħor!! Is-soltu tiegħu, Sultana jagħmel dikjarazzjonijiet li ma jiġux korroborati lanqas remotament.

[117] Dec 21$^{st}$ 2018, 07:50: File Android

- *Bejn it-2 u l-4 ta' Jannar 2019*

F'dawn il-ġranet hemm skambju ta' messaġġi ma persuna interessata f'impjieg fil-*massage shop* (16:21). Jitlobha għal ritratt *"send us full photo of you recent one"* (18:02) u f'18:07 tibgħatlu 3 ritratti. Bla kantunieri jgħidilha ***"Let me explain u know what happen (sic) in massage parlours (19:55)………the shop offers sex to clients" (20:02).*** Wara li din titlob tkun taf dwar l-introjtu mistenni, jgħidilha li klijenti jħallsu €50 ghal 30 minuta li jinqasmu 50/50. Jistaqsiha jekk għandhiex tfal ġewwa Malta w meta tirrispondi fin-negattiv jirrimarka *"Fine".* Tgħidlu li tgħix l-Italja iżda tista' tiġi Malta. Jispjegalha li s-sigħat huma mit-Tnejn sal-Ħamis mit-<u>3pm sad-9pm</u> u l-*weekend* mid-<u>9.30pm sa 9pm</u> (20:04-20:06). Hekk kif din turih li disposta tiġi Malta fil-*weekend,* jitlobha aktar ritratti peress li tidher b'kulur ta' xagħar differenti. Twieġeb li huma parrokki. Ikompli li għandu tfajla impjegata li mhux kuntent biha w irid jissostitwiha. Hawn tinformah li għandha esperjenza fil-qasam (20:10-20:12). Ifehmha *"**the sex is always protected…up to you for nonprotected".*** Jirċievi aktar ritratti mingħandha (20:16) u ssaqsih *"So what do you think".* Iwieġeb *"When u like to come".* Jgħidilha li klijent li jdum <u>siegħa jfisser li hi tieħu</u> <u>€50</u>. Ikompli jgħidilha *"if they come for 1hr 50e you amd (sic) 50e **us**"*(20:16) u hi taċċetta *"its good".* Juriha li ma jridx li jiġri kif gara bi tfajla Niġerjana li marret lura pajjiżha għal żmien twil peress li l-ħanut kellu bżonn xi ħadd permanenti. Meta tgħidlu li għandha fejn tgħix f'Bugibba, jgħidilha li l-ħanut hu l-Fgura w l-bogħod minn Bugibba (20:24).

Ikompli jgħidilha *"You have a nice figure* (20:27)"; *"That's what **we** wanted to find cause the other girl **we** had came a bit overweight. Arrive in malta **we** meet over to take you to the place and show you all"* (20:28-20:29). Sultana jissokta jitkellem fil-<u>plural</u> *"The other Nigerian girl **we** brought to work all go to long time in Nigeria"*; *"**We** need someone permanent in the shop"(*20:21-20:22). Jibqgħu miftehma li meta issib *flight* irħis tiġi minn Ruma għalkemm kienet tinsab Napli. Lejn tmiem il-konverżazzjoni tgħidlu li jisimha Anita w hu jgħidilha li jismu <u>Sabrina</u> u jistaqsi kif sabit**hom** fejn ghal darb' oħra jitkellem fil-<u>plural</u> *"How did you find **us**?"*(20:33). Fl-4 ta' Jannar, 2019, jistaqsih jekk sabitx flight iżda tgħidlu li għadhom għoljin.

- 17 ta' Jannar, 2019

Fl-17 ta' Jannar jidher anzjuż u jistaqsiha *"Are you coming to Malta si o no".* Meta l-għada tikkonferma li ġejja, jinfurmaha li l-affarijiet rnexxew għaliex it-tfajla l-oħra telqet il-jum ta' qabel u l-post lest għaliha. (11:08)

- 19/01/2019

*Enquiry* oħra minn fuq numru Malti hi rigward post li juri *vacancy* fejn applikanti huma mħeġġa jcemplu **n-numru 99941834.**

Dan hu n-numru abbinat mal-mobile li kien qed juża Sultana meta twaqqaf mill-pulizija![118]

L-ewwel jistaqsiha hiex mara w kif tikkonfermalu, jitlobha *"2 recent photos of you **full** pic"* u *"if the senior likes what he sees job is urs"* (17:58), bħallikieku mhux hu jieħu d-deċiżjonijiet! Hekk kif fil-*profile pic* tagħha w jilmaħ raġel magħha, jwissiha li jekk hu raġel ma jaħlilux ħinu iżda jgħidilha tibgħat ir-ritratti xorta hekk kif tgħidlu li hu żewġha.

- 20 u 21 ta' Jannar, 2019

Diversi huma l-messaġġi bejn tfajla Kolombjana, Tatiana, li qed tfittex impjieg u Sultana jgħidilha li immedjatament iridu jimpjegaw nisa bix-xogħol jinvolvi *massage*s bil**-*"happy ending with protection clients love it"*** (09:34) u ***"The shop caters for clients who want sex"*** (10:39). Twieġeb *"I understand I have to have sex"(*10.44). Jgħidilha li l**-ħlas ikun €25 għaliha u €25 għalih**. Jibgħatilha messaġġ tradott b'xi *online translation programme* fejn jispjegalha dak rikjest minnha nkluż il-ħlas fejn għall-ewwel jgħid li **€30 għalih** u €20 għaliha għalkemm wara jaqbel li l-prezz jinqasam nofs bin nofs.

Kjarament qed jitkellem daqs li kieku hu Pawlina: *"I work there also, same shop"* (10:47) bil-ġranet ikunu mit-Tnejn sal-Ħamis bejn it-3pm u 9.30 (**ħinijiet minnhom nfushom indikattivi li hawn ma jingħatawx servizzi terapewtiċi) u** fil-weekend *"full day But if you want to work only some days we can arrange."* Jitlobha ritratt *"**full to see how you look** and then we arrange. U have children here in malta or boyfriend[?]"* (10:49). Meta tgħidlu li ser tagħtih risposta jgħidilha tara jekk xi ħbieb tagħha jixtiequ jiġu jaħdmu huma fil-ħanut.

Ovvjament f'kull darba li jsiru *enquiries*, il-kwalifiki ta' *masseuse* lanqas biss joħlom bihom!!

- 21/01/19 – 24/01/2019

F'messaġġ mibgħut fil-21 ta' Jannar, raġel bin-numru Malti (99454735) staqsa jekk *bookings* humiex bl-appuntament (17:04) u jingħata tweġiba li *bookings* għal *massage* huma bl-appuntament. Jiġi infurmat fejn jinsab il-ħanut u cioe` kif

[118] Appendiċi 1, **Dok.JC8** fuq Disc 1 a fol. 366. Vide wkoll **Dok.JC5** a fol. 71-74 u fol.62

wieħed idur mal-pompa tal-petrol tal-Fgura; l-ewwel bieb eżatt kif iddur. Dan il-persuna jgħid li jixtieq jagħmel appuntament u dlonk jiġi nfurmat li jista' jmur dak il-hin (17.10) iżda hu jrid appuntament għas-Sibt. Jiġi mgħarraf li nhar ta' Sibt ma taħdimx għaliex **ikun hemm waħda barranija**.

Din taqbel ma dak li ddikjaraw xhieda meta stqarrew li <u>ġieli kien hemm tfajla barranija li tathom servizzi sesswali</u>. Ovvjament kontinwament **jagħmel ta' bir-ruħu li hu Pawlina** u jitkellem daqslikieku Pawlina qed tikkonversa mal-mittenti tal-messaġġi varji!

L-istess raġel staqsa x'kien jinkludi is-servizz billi uża *a winking emoji* (17:12); indikazzjoni ċara ghal x'hiex kien qed jirreferi! Jingħad lilu li **meta jmur il-ħanut ikun jaf aħjar** (17.15). Jistaqsi jekk qabel ma jmurx għandux jibgħat lilhom direttament, lit-tfajliet jew jaqbad u jmur (17.25) u jgħidlu li l-ewwel għandu jagħmel kuntatt mieghu. Jgħidlu wkoll li jista' jinqeda mit-Tnejn sal-Ħamis (17.26). Jibqgħu li ser jagħmel kuntatt it-Tnejn [24 ta' Jannar].

Fil-fatt nhar l-24 ta' Jannar, fl-12:21 jibgħatlu messaġġ biex jinfurmah *"I am here you can come if u like."* Peress li dak il-ħin ma kienx konvenjenti, jipprova jagħmel appuntament għat-8pm għas-Sibt (13:32) iżda jiġi mgħarraf li l-prezz nhar ta' <u>Sibt u Ħadd hu ta' €130 għaliex l</u>**<u>-appuntamenti ikunu ta' siegħa, fejn jaħdmu biss il-barranin</u>**. Għalhekk jiġi miftiehem li ser imur it-Tnejn fl-4pm u jgħidlu li jkun jista' jinqeda bejn id-9.40am sat -3pm (13:52)

*Chat* <u>oħra</u> fl-istess jum tal-24 ta' Jannar hi dik bejn Sultana – li dejjem iwieġeb daqslikieku hu Cutajar – u klijent prospettiv li juża numru tar-Renju Unit (10:47). Dan il-klijent prospettiv jagħmel bosta domandi dwar is-servizz li jista' jingħata. Il-prezz hu 150euro *"1hr **full service full**"* (10:48) Meta jistaqsi jekk <u>hemmx sess</u> inkluż ir-risposta hi waħda mogħtija fl-istess nifs ***"If u like np"*** (12:40). Jiġi mgħarraf li jista' jinqeda id-dar ukoll *"**full service** 1 hr 150€ u home 120 1 hour"* (10:49) iżda aħjar jekk jinqeda mill-ħanut li jinsab fil-Main Road il-Fgura. Jistaqsi ***"how many girls which country"*** (12:39) iżda jirċievi **ritratt tal-imputata** bil-messaġġ ***"My shop me Maltese"*** (12:39). Jiġi mħeġġeġ imur il-ħanut *"descreete (sic) shop"* (12:41). Meta jistaqsi prezz għall-lejl sħiħ jiġi nfurmat li l-prezz għall-lejl ikun il-fuq minn €600 ***"And listen all with protection"*** **(12:43).**

Il-konverżazzjoni ghal dakinhar tieqaf hemm iżda fl-24/01 jintbagħtlu messaġġ biex imur il-ħanut għaliex il-ħanut kien miftuħ (13:28)

- 24/01/19

Johan javża lil Pawlina li ċertu tfajla għamlet kuntatt magħhom u jirriproduċi l-messaġġ li kjarament intbagħat bħala messaġġ fuq il-*page* ta' Pawlina fejn infurmathom li l-għada setgħet tmur wara it-3pm.

Dan jimmanifesta kif **Sultana kellu aċċess liberu ghal Facebook *profile* ta' Cutajar** li kien infetaħ bl-isem *Paula Cutajar (Paula)* u taħtu il-kliem *Bliss Massage Fgura 99756887*. Wara kollox kif jammetti ma dak li ried jixtri l-*parts* tal-Mercedes mingħandu: ***"I use my wife fb Pawlina Cutajar"*** tant li jibgħat il-l*ink* ghal Facebook *profile* tagħha.[119]

Jigi sottolinejat li dan in-numru jinsab reġistrat bħala il-Vodafone number ta' Cutajar għaliex jinsab fil-*contacts* tal-imputat reġistrat bħala Paula Vodafone.[120]

- 25/01/19

F'dan il-jum hemm numru ta' messaġġi bejn l-imputati rigward tfajla li għamlet kuntatt ma Sultana fuq numru bl-*international call prefix* "+40"; il-*prefix* ghar-Rumanija.

Fil-fatt kien fil-24/01/19 li Pawlina tigdiblu attenzjoni għal dan il-fatt u l-għada 25/01/19 hu jitlobha ritratti tagħha f'każ li xi ħadd ikun irid jarah sabiex jibgħatilhom bħala *private message* (fuq *Facebook*). Cutajar twieġbu li r-ritratti qegħdin mal-messaġġ li bagħtitilha w twissieh biex ma jibgħathomx fuq il-Facebook *wall* tagħha – **prova oħra li qed jinqeda bil-*Facebook Page* tagħha!**

Isserħilha rasha *"naf fimtek serrah rasek"* (12:35). Minuta wara tinformah li hekk kif din it-tfajla tibgħatilha hu kellu jmur jiftħilha l-ħanut, jagħtiha ċ-ċwievet u jgħid lill-klijenti li ma tifhimx bl-Ingliż (12:36). Altru li **Sultana kien jiġġestixxi n-negozju ma Cutajar**!

13:14 Pawlina ssaqsih biex jibgħat hu r-ritratti għaliex hi ma tafx kif tniżżel ir-ritratti biex tibgħathom lill-klijenti prospettivi (13:14). Sultana jgħidilha *"ok halli fidi"* (13.15) u f'13:22 jibgħatilha ritratt suġġestiv għall-aħħar ta' tfajla f'pożizzjoni erotika b' *lingerie* suġġestiv.

Il-messaġġ li jsegwi juri għal darb' oħra kemm verament Sultana kellu aċċess għal *FB profile* ta' Cutajar: jispjegalha li biex tibgħat ir-ritratti ta' tfajla kellha tidhol *f' Messenger "u lil min bghattom jien ghamel save minn hemm"* (13.25)

[119] 21 ta' Diċembru, 2018, 07:50: File Android
[120] Vide file SIM Card.xry XRY Viewer, Index 44

Altru' li Sultana kien jaf juża sew il-Facebook kuntrarjament għal dak li stqarr *viva voce* kif ukoll fit-tieni stqarrija tiegħu!

Pawlina tgħidlu jerga jibgħathom u dlonk jibgħatilha żewġ ritratti, fosthom dak provokkativ (13:32)

13:55 Pawlina **tfakkru biex lill-impjegata joħdilha l-*condoms* meta jmur.**

- 27/01/19

Messaġġ jirriproduċi *Facebook post* minn fuq il-*page* ta' Pawlina Cutajar fejn jiġi reklamat *vacancy* f '*massage shop* bl-introjtu jinqasam 50/50. Meta l-mittent jistaqsi dwar l-impjieg u jgħid li lest jaħdem *full time*, Sultana jistaqsih *"u female"* (09:17). Meta l-mittent jirrispondi *"No male"(*11:34), il-konverżazzjoni ma tidhirx li tmurx oltre`.

*Il-Klijenti ta' Bliss Massage*

**Klijent 1** xehed kif hu w isuq fit-triq ra l-ħanut *"Tal-messaġġi, ħanut tal-messaġġi"* b'avviż u ċempel il-qanpiena w daħal.[121] Dan kien fi Frar, 2019. Kif daħal **sab lill-imputata li tagħtu servizz sesswali għal €50, *"għamilt happy ending"*.**[122] Kien hu li talabha għal dan is-servizz u hi qaltlu li ser jiswieħ €50; is-servizz dam għal xi 25 minuta fejn ġie masturbat sakemm egakula, dejjem bl-użu ta' *condom*.[123] Il-pulizija wasslet għalih min-*number plate* tal-vettura tiegħu.[124]

**Klijent 2** għaraf lil Cutajar bħala l-persuna li kienet għamlet *posts* fuq Facebook. Kien jaf dwar xi jsir fil-ħanut għaliex ġriet il-kelma li f'dan il-ħanut jingħataw servizzi ta' *oral sex*.[125] Għamel kuntatt magħha fuq Facebook u meta mar hi staqsietu x'servizz ried. **Qalilha li ried *sexual intercourse* u kien hemm *sexual intercourse***. Is-servizz dam bejn 20-30 minuta w ħallas €50.[126]In kontro-eżami jsemmi kif minn fuq il-Facebook kollox deher bħala ħanut leġittimu iżda hu beda jikkomunika magħha w staqsiha hux ser ikun hemm hi. Għadda ż-żmien u kien ċemplilha, staqsiha hiex hemm u mar.[127] Dan seħħ madwar xahrejn qabel ma xehed. Kien jaf għalxiex kien sejjer hemm għaliex kien sema mingħand nies

[121] Fol.100
[122] Fol.95-96
[123] Fol.97-99
[124] Fol.102
[125] Fol.106-107
[126] Fol.108-110
[127] Fol.111

oħra. Staqsiha jekk kienx ser ikun hemm *extras* u l-imputata qaltlu bis-servizzi sesswali wkoll.[128]

**Klijent 3** għaraf lill-imputata wkoll bħala persuna li ikkomunika magħha fuq Facebook. Hu ħbieb magħha fuq Facebook.[129] Il-ħanut ngħata *blow job* minn tfajla oħra *"Ma Pawlina qatt ma gara xejn".*[130] Daħal ghal *massage* u meta staqsa ghal *blow-job* din aċċettat. Pawlina ma kienet taf b'xejn. Il-prezz totali kien ta' €50 u mar darbtejn il-ħanut tal-Fgura.[131]Għalkemm kien qed jikkomunika fuq il-*profile* ta' Cutajar fil-verità ma jistax jgħid fiċ-ċert li l-imputata kienet wara dak il-*profile*.[132]It-tieni darba li mar kien hemm tfajla Maltija li ma aċċettax tagħmillu *blow job*.[133] Ix-xhud issemmi li dejjem il-ħanut tal-Fgura mar. L-ewwel darba Cutajar kienet wara l-*counter* u kien hemm żewġ tfajliet fuq bank.[134]

**Klijent 4** għaraf lill-imputata bħala l-persuna li mar il-ħanut tagħha tal-massaggi fil-Mosta. Hemmhekk l**-imputata tagħtu *hand job*** fejn intuża *condom;* ħallas €20 u dam xi kwarta.[135] Mar darbtejn oħra.[136]

**Klijent 5** spjega kif ra riklami tal-ħanut tal-messaġġi tal-imputata l-Fgura w mar ghall-*massage* hemm f'Jannar 2019. Ftiehem magħha għal *massage* normali. Wara li l**-imputata għamlitlu l-*massage,* mmasturbatu**.[137]

Issa l-artikolu 7(1) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, jistipula:

> (1) Kull min, xjentement, igħix, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' m'hux iżjed minn sentejn:

Dan għandu jiġi moqri mal-Artikolu 7(3) tal-istess Ordinanza:

> 7(3) Persuna titqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tgħix, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tgħix jew soltu tkun ma' persuna li teżerċita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha ħakma

128 Fol.112-113
129 Fol.117-118
130 Fol.119
131 Fol.122
132 Fol.126
133 Fol.128
134 Fol.142
135 Fol.131-133
136 Fol.134
137 Fol.146-148

> fuqha b'mod li juri li hija qiegħda tgħin, tħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni oħra.

Fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet ma jistax ma jiġix nnotat it-tentattiv tal-imputat li jallontana ruħu minn Cutajar, li ma hemmx dubbju li din teżerċita l-prostituzzjoni, u konsegwentement mill-ġestjoni tal-ħanut w l-għixien tiegħu minn fuq qliegħ provvenjenti mill-prostituzzjoni *inter alia* tagħha; tentattiv li jfalli bil-kbir għaliex hemm abbundanza ta' provi li juru mod ieħor.

Għalkemm Sultana jistqarr mal-pulizija li hu w Cutajar ma kienx għadhom flimkien *"għax aħna on and off, mhux dejjem",*[138] ix-xiehda tal-uffiċjali li għamlu tfittxija fid-dar fejn kienu qeghdin jirrisjedu l-imputati xxejjen din il-linja difensjonali.

Ġa saret riferenza ampja kif Sultana kien jitkellem f'ismu u f'isem Cutajar kemm ma klijenti prospettivi kif ukoll ma impjegati prospettivi meta juża kliem bħal **"us"** u **"we".** Saret riferenza wkoll għall-konversazzjoni tiegħu ma terz kif hu kien jagħmel użu mill-Facebook profile ta' Cutajar d-diskors minnu miktub meta wara li jibgħatlu l-l*ink* ghal Facebook *profile* tagħha jikteb ***"I use my wife fb Pawlina Cutajar"***.[139]

Magħdud ma dan tiżdied ix-xiehda ta PC760 Saliba u PC1564 Zammit. PC760 jixhed: *"Minn hemmekk morna biex naghmlu tfittxija fuq il-persuna ta' Johann Sultana .... u hemmekk bdiet it-tfittxija lejn ir-residenza tieghu. …….fi tfittxija li saret fil-main bedroom, <u>in-naha tal-gradenza, kien hemm sezzjoni li tidher ta' xi hadd femminili,</u> …..".*[140] Saliba jsemmi kif kien l-istess **Sultana li ndikalhom ir-residenza tieghu,** *"Ir-residenza li qalilna hu<u>…… ic-cavetta tad-dar hu tahilna</u>, hu stess, kellu access ghaliha……* ***ic-cwievet kienu ghandu****….. kien hemm affarijiet li jappartjenu lil Johann Sultana. Il-ghaliex fil-portmoni fejn instabu il-flus gol-purse ta' xi hadd femminili kien hemm jekk miniex sejjer zball id card u driving licence".*[141] PC1564 Zammit izid aktar dettalji li juru li fiz-zmien tat-tfittxija l**-imputati kienu qed jghixu taht l-istess saqaf**: *"x'hin morna gewwa r-residenza <u>huwa qalilna li ghamel uzu kamra fejn huwa jorqod, fejn ukoll jaghmel uzu minn kamra ohra fejn kien hemm hafna affarijiet li jilghabu bihom it-tfal, ta' toys.</u> Gewwa l-kamra tas-sodda li jaghmel uzu minnha hu instabu l-istess ammont ta' flus kontanti kif ukoll gewwa din l-ispare bedroomm, l-ispare bedroom li kien hemm hafna toys go fiha, l-istess kien portmoni fejn instabu il-flus kontanti ukoll".*[142]

---

[138] Fol.242
[139] Dec 21st 2018, 07:50: File Android
[140] Fol.293
[141] Fol.295-296
[142] Fol.301

Meta jikkonversa ma klijenti prospettivi u tfajliet interessati li jaħdmu fil-ħanut tiegħu, Sultana juri li ma kienx waħdu f'din l-intrapriża għaliex jitkellem fil-plural:

> *"if they come for 1hr 50e you amd (sic) 50e **us**"*(20:16);
>
> *"That's what **we** wanted to find cause the other girl **we** had came a bit overweight. Arrive in malta **we** meet over to take you to the place and show you all"* (20:28-20:29).
>
> *"The other Nigerian girl **we** brought to work all go to long time in Nigeria"; "**We** need someone permanent in the shop"(*20:21-20:22).
>
> *"How did you find **us**?"*(20:33).

Mill-konversazzjonijiet analizzati aktar il-fuq, intwera li primarjament kien Sultana li kien jiffissa l-prezzijiet għas-servizzi sesswali li jingħataw fil-ħanut. Kien hu li kien jinnegozja kif jitħallsu t-tfajliet kemm il-darba jibdew jagħtu dawn is-servizzi.

Lanqas jirrizulta messaġġ waħdieni fejn l-imputati jew xi ħadd minnhom jitkellmu dwar *massages* terapewtiċi fil-veru sens tal-kelma! Id-diskors tagħhom hu konċentrat fuq servizzi ta' natura sesswali, fejn jintużaw ***condoms*** u fejn hemm possibilità li jingħata <u>*full sevice*</u>. Sultana jibgħat is-segwenti messaġġi fl-24/01/2019 (vide fol.26 *supra*): Il-prezz hu 150euro *"1hr **full service full**"* (10:48) u jiġi mgħarraf li jista' jinqeda id-dar ukoll *"**full service** 1 hr 150€ u home 120 1 hour"* (12:40)

Fid-dawl ta' –

(i) Mill-*phone book* ta **JC12-LSIM01** (*sim card* tal-Melita meħud mingħand Sultana)[143] jidher reġistrat is-segwenti: ***"11.My Shop Fgura Bliss +35699814324" u "***Fgura shop 99634724". Dan jaqbel mar-rizultanza tal-espert Cutajar meta sab li l-mobile tal-imputata kien jintuza il-Fgura.

    Fir-rapport tiegħu Keith Cutajar jispjega li l-analiżi tad-*diskette*[144] tal-Galaxy S9 (**JC8**[145]) tagħti bħala *device information* in-numru <u>99941834, in-numru abbinat maċ-ċellulari tal-imputat Johann Sultana</u>.[146] Inoltre`

---

[143] Fol.62
[144] **Disc 1**
[145] Vide **Dok.CS** a fol.299-300, xhieda PS760 a fol.292-297. Vide wkoll **JC5** a fol.71-74. Vide ukoll fol.62.
[146] Vide file SIM Card.xry XRY Viewer

dawn in-numri huma n-numri li jidhru fuq avviżi li jiġu *posted* fuq il-Facebook *page* ta' Cutajar bħala n-numri li wieħed għandu jċempel għall-appuntamenti fejn setgħu jircevu servizzi sesswali!

(ii) il-kontenut tal-messaġġi li nstabu fuq il-mobile li kien qed juża Sultana meta twaqqaf mill-pulizija. Minn hemm jirriżulta kemm Sultana kien jikkommunika ma Cutajar permezz ta' whatsapp u l-Facebook tagħha dwar kwistjonijiet relatati mal-gestjoni tal-hanut, l-impjegati prospettivi, ħlasijiet tas-servizzji sesswali li jinghataw kemm minn Cutajar kif ukoll tfajliet oħra u kif kien jinqasam il-qliegħ ġenerat minn dawn is-sevizzji bejnu w t-tfajliet nfushom;

(iii) fiz-zmien li seħħew ir-reati addebitati Cutajar kienet qed tgħix fid-dar ma Sultana tant li nstabu affarijiet li jappartjenu lilu kemm lilha. Dar li lil pulizija kien indikaha bħala r-residenza tiegħu; [147]

(iv) Sultana fl-istqarrija tiegħu jammetti *"għax ahna on and off, mhux dejjem";*[148]

(v) fuq Cutajar instabu ċ-ċwievet tal-*massage parlour*[149] kif ukoll *VAT receipt book*[150] li jappartjeni lill-ħanut ieħor tal-imputata;[151]u

(vi) il-ħanut hu reġistrat esklussivament fuq l-imputat Sultana. Il-kuntratt esibit min-Nutar Tabone hu xiehda ta' dan,[152]

ma jifdal ebda dubbju li Johan Sultana kien qed jieħu parti attiva fl-eżerċizzju tal-burdell biex b'hekk huwa sar ħati tal-ewwel imputazzjoni, dik kontemplata bl-artikolu 7 tal-Ordinanza.

Għalkemm il-probabilita kbira hi li anke l-imputata kienet qed tagħmel profitt mill-qliegħ ġenerat minn servizzi sesswali li kienu jingħataw mit-tfajliet impjegati magħhom, fil-ħanut li kienet tiġġestixxi flimkien mal-imputat, fil-kamp penali m'hemmx lok għal presunzjonijiet. Baqa' ma ġiex pruvat sal-grad rikjest li Cutajar kienet effettivament qed tirċievi xi parti minn ħlasijiet ġenerati mis-servizzi sesswali li kienu jingħataw fil-ħanut Bliss Massage minn dawn it-tfajliet.

Għaldaqstant u tenut tar-riżultanzi li saret riferenza għalihom, magħdud mal-fatt li l-imputata ma tistax tinstab ħatja talli għexet minn qliegħ ġenerat mill-prostituzzjoni tagħha stess, hu biss fil-konfront ta' Sultana li ġiet pruvata sal-grad mistenni l-ewwel imputazzjoni w cioe` li kien qed jgħix mill-qliegħ li kien jiġi ġenerat minn servizzi sesswali mogħtija minn tfajliet li kien iħaddem fil-

147 Fol.295-296
148 Fol.242
149 Fol.38. **Dok.JC17**
150 **Dok.JC18**
151 Fol.38-39
152 **Dok.JT** a fol.724 et seq

ħanut Bliss Massage li kien jappartjeni esklussivament lilu! Qliegħ li kien jinkludi flejjes ġenerati mill-istess imputata Pawlina Cutajar meta kienet tipprostitwixxi ruħha.

<u>It-Tieni Imputazzjoni: Użu ta' ħanut għal skop ta' prostituzzjoni</u>

Daqstant ieħor l-istess provi appena kkunsidrati jipprovaw sal-grad mistenni it-tieni imputazzjoni.

Il-provi huma ċari u wrew li kemm Sultana kif ukoll Cutajar, li <u>ammettiet</u> ghal din l-imputazzjoni, ħallew w ippermettew li l-ħanut ***Bliss Massage*** **jiġi wżat bħala post li fih kienet isseħħ il-prostituzzjoni.** Dan il-ħanut li fih ingħataw is-servizzi sesswali jappartjeni esklussivament lil Sultana, li l-provi jimmanifestaw kif indubbjament kien <u>konsapevoli tal-użu</u> li kien qed isir minnu.

Għalkemm l-abbli difiża fis-sottomissjonijiet orali tagħha għamlet riferenza għall-fatt li l-fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali jiċċita l-artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 8, li hu l-artikolu li jikkontempla l-eżerċizzju ta' briedel, mhux kompitu tal-Qorti li tissindika liema imputazzjonijiet il-prosekuzzjoni jew l-Avukat Ġenerali għoġobhom jaddebitaw lill-imputati bihom.

Dak li kellha tiddetermina l-Qorti hu li l-artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, msemmi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, hu propju l-artikolu li jikkontempla t-tieni imputazzjoni u cioe` dik li tirrigwarda l-użu ta' ħanut għall-skop ta' prostituzzjoni.

<u>It-Tielet Imputazzjoni: *Massage Parlour* mhux liċenzjat</u>

**Dr. Michael Camilleri,** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority, xehed li l-ħanut Bliss *Massage* ma kienx liċenzjat mal-Awtorita`.[153]

Tajjeb jingħad li għalkemm l-imputazzjoni tirreferi għall-*Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta* u għar-*Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali),* Liġi Sussidjarja 409.08, *massage parlours* qatt ma kienu regolati taħt dan il-qasam iżda taħt *Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, Liġi Sussidjarja 441.07.* Bid-dħul fis-seħħ tar-regolament 5(2) tar-*Regolamenti tal-2016 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ A.L. 420 tal-2016, massage parlours* ma baqawx jinħtieġu liċenzja biex joperaw.[154]

[153] Fol.730
[154] L-Ewwel Skeda Partita 93.04 u 93.05

Fil-fatt **Paul Bezzina,** Senior Environmental Health Officer mad-Dipartiment tal-Environmental Health, spjega li minn kemm ilu li d-Dipartiment tat-Trade waqqaf il-liċenzji, m'hemmx aktar ħtieġa ta' liċenzja jew *certification* minn naħa tad-dipartiment tiegħu.[155]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-imputati qed jiġu liberati minn din l-imputazzjoni.

Ir-Raba Imputazzjoni: Riċiklaġġ

Il-prosekuzzjoni ibbażat ir-raba imputazzjoni tagħha fuq il-fatt li l-istat tal-imputat ma kienx jippermettilu li jikkonduċi l-istil ta' hajja li kien qed jgħix, fejn kien jinnegozja fix-xiri tad-deheb u jmantni vizzju qawwi tad-droga tant li kien jikkonsmaha ta' kuljum.

**Connie Azzopardi,** in rappreżentanza tad-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali, xehdet li Johan Sultana jirċievi *childrens' allowance, childrens' supplement,* għajnuna soċjali kif ukoll *sickness assistance*[156]. Pawlina Cutajar tirċievi *childrens' allowance* u *maternity benefits*.[157] In-numru taċ-ċellulari ta' Sultana ndikat mad-Dipartiment hu **99941834**[158] filwaqt li ta' Cutajar hu **79327643**.[159]

Il-Qorti tinnota li **79327643** hu n-numru abbinat mas-**Samsung Galaxy J5 tal-imputata**,[160] filwaqt li **99941834** hu dak abbinat mad-*device* li ġie <u>elevat minn fuqu</u> meta ġie mwaqqaf minn PC1564 u PC760. L-istess numru, li f'*chat* tad-19/01/2019 li ġa saret riferenza għaliha, jidher bħala n-numru li applikanti għal *masseurs* ma Bliss *Massage* huma mħeġġa jċemplu!!

**Joseph Saliba,** in rappreżentanza ta' Jobsplus, esebixxa l-*employment histories* tal-imputati.[161] Sultana ilu bla impjieg sa mill 2017 fejn l-impjiegi reġistrati tiegħu preċedenti juru li kien jingħata impjieg u jitterminah l-għada jew jiem biss wara.[162] Pawlina Cutajar sa 2012 kienet impjegata *part-time* bħala *room attendant* u minn Frar 2018 sa Frar 2019 *self-employed* ma Beauty Salon.[163]

---

[155] Fol.540
[156] **Dok.CA** a fol.372
[157] **Dok.CA1** a fol.374
[158] **Dok.CA2** a fol.375
[159] **Dok.CA5** a fol.378
[160] Fol.322
[161] Fol.499 et seq.
[162] **Dok. JS** a fol.501
[163] **Dok. JS2** a fol. 503

Rilevanti hu l-fatt li z-żewġ imputati huma indikati bħala *"Not Working and is Available for employment"*.[164]

**Joanna Bartolo** mill-Bank of Valletta[165] eżebit *statements* ta' żewġ kontijiet tal-imputat li juru li fihom kien hemm bilanċ ta' €4.14 u €0.40c.[166] **Dr. Claudia Muscat** mill-HSBC Bank tgħid li Sultana kellu kont li nfetaħ fl-2000 u ngħalaq fl-2002, filwaqt li ma kienx hemm kontijiet reġistrati f'isem Pawlina Cutajar.[167]

**Karen Cremona** in rappreżentanza ta Transport Malta, xehdet li Sultana ma kellux vetturi reġistrati f'ismu filwaqt li Cutajar kellha Mazda Demio EBX901.[168] Stephen Cachia xehed kif il vettura Mercedes ACB535 hi reġistrata fuq ċertu Tereza k/a Marthese Sultana w ilha hekk reġistrata sa mill-2016.[169]

Jingħad mill-ewwel li ma nġabet ebda prova dwar minn ħallas għal din il-vettura li tintuża mill-imputat. Għalkemm ġiet reġistrata fuq omm l-imputat fl-2016, perjodu li jeċċedi iż-żmien tal-imputazzjonijiet, fiż-żmien imputat lilu baqa' jagħmel użu minnha w saħansitra f'Diċembru 2018 kien qed jikkomunika ma terzi dwar *parts* għaliha. M'hemmx dubbju li din il-vettura tappartjeni lill-imputat tant li fl-istqarrija tiegħu jammetti li ommu kienet ittieħ li jrid ***"anke karozza Mercedes għandi****…Hi kollox hi…ommi qeghda ma wieħed u jista…..', kapaci….m'għandux problema, lanqas xejn. Anke meta qabel ma hrigt mill-habs, kelli tmint elef euro multi kollha hallashomli"*.[170]

**Xi farka ta' prova ta' dak li jsostni l-imputat baqgħet ma nġabitx; lanqas isem il-persuna li jirreferi għalih bħala il-"wieħed" li ommu kienet qed tgħix mieghu w li skond Sultana jmantni l-ommu kif ukoll lilu stess, adult ta' 40 sena!**

**Dr. Ilona Schembri** ppreżentat l-elenku tal-assi tal-imputati.[171] Rigward Pawlina Cutajar, ir-rapport dwar l-assi tagħha[172]juru li ma kellha l-ebda propjetà reġistrata f'isimha għajr għall-vettura waħda. Mill-banda l-oħra jidher

---

164 Fol.502 u 504

165 Fol.505-506

166 **Dok.JB** u **JB1** a fol. 507-508

167 Fol.509-510

168 **Dok. KC2** a fol. 492

169 Fol.520 et seq

170 Fol.246-247

171 **Dok.IS** a fol.382 et seq. Ġiet preżentata anke d-delega mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali (fol.544), l-istess dokument ġie konfermat mill-Assistant Reġistratur, Qrati Kriminali Maria Dolores Fenech (fol.565).

172 **Dok. IS1** a fol. 419 et seq

li l-ħanut fil-Fgura ġie trasferit **unikament lil Sultana**![173] Dan jikkonfermah il-kuntratt ta' donazzjoni esibit min Nutar Tabone.[174]

Fil-fatt mir-riċerki kondotti rriżulta li **Sultana għandu reġistrat fuqu il-fond 64 Triq San Pietru, Fgura, fond li skond l-imputat fl-istqarrija tiegħu ma kien jaf xejn dwaru-** ***"Ma nafx bih dak…ma nafx bih dak".***[175] Mhux biss iżda jirrizulta li l-kont tal-Arms għal dak il-ħanut hu reġistrat fuq l-imputat[176].

Tassew stramb hu l-fatt li Sultana jħallas kontijiet tal-ARMS għall-ħanut li ma skond dak li jixhed u jistqarr, ma għandu l-ebda konnessjoni miegħu.

**Dawn il-provi wrew li l-uniku introjtu leċitu ta' Sultana hu dak provvenjenti mid-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali. Introjtu li ċertament ma kienx jippermetti li dan jixtri ħanut, jiffinanzja l-vizzju tad-droga jew jixtri deheb u arloġġi tad-ditta Rolex.**

Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġuni għaliex Sultana ried jagħti l-impressjoni li l-ħanut kien estranju għalih, kien propju għaliex minn dak il-ħanut kien qed iħaxxen butu w ma setghax jispjega il-provvenjenza tal-flejjes li ħallas biex xtrah!!

Il-Qorti temmen li dan kien l-iskop li kuntratt ta' bejgħ – fejn n-nutar kellu l-obbligu jaċċerta ruħu mill-provvenjenza leġittima tal-flejjes mgħoddija lil Brincat – ġie deskritt bħala donazzjoni. Donazzjoni tfisser li ma għaddewx flejjes; fatt li mhux biss jiffaċilita l-ħajja w l-obbligi inkombenti fuq Sultana li waqa' fuqu madmad biex jipprova minn fejn oriġinaw il-flejjes, iżda aktar u aktar meta ssir donazzjoni jiġu faċilitati l-obbligi ta' nutar in kwantu għall-obbligi ta' *due diligence* li jsiru fuq trasferimenti ta' flejjes.

**Caroline Cutajar**, oħt l-imputata mill-istess omm, xehdet li meta miet missierha ftehmet ma ħutha li jinqasam kollox bejn l-aħwa kollha inkluż Pawlina.[177] Riprodotta esibit il-kuntratt ta' self u bejgħ li sar quddiem in-Nutar Nathania Tabone fit-18 ta' Diċembru, 2018 fejn l-aħwa rċevew €50,000 akkont ta' bejgħ li fuqu kienu ġa tħallsu €23,000.[178] Kull wieħed mill-aħwa ħa €9,334 u dan inġibdu permezz ta' ċekkijiet fid-19 ta' Diċembru, 2018. Ma dawn għaddiet lil Pawlina €2,000 għal bintha.[179]

---

[173] Fol.408
[174] **Dok. JT** a fol.724-726
[175] Fol.248
[176] Fol.405
[177] Fol.785
[178] **Dok.CC** a fol.798 et seq
[179] Fol.796

Filwaqt li l-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn din ix-xiehda, hi l-istess xiehda li tiftaħ beraħ il-fatt li l-ħanut tal-Fgura inxtara esklussivament minn Sultana ħames (5) xhur **qabel ma Cutajar wirtet.** Mhux b'kumbinazzjoni li Sultana hu **l-uniku sid** tal-ħanut fil-Fgura hekk kif jirrizulta mill-kuntratt u mill-elenku tal-Uffiċju għal Irkupru tal-Assi**.**

Hu propju hawn fejn Sultana kien mistenni jġib provi, sal-grad mistenni minnu, biex filwaqt li juri kif iffinanzja x-xiri ta' dik il-propjetà **jaqleb l-oneru tal-prova** kif kontemplata bl-artikolu Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

**Il-Qorti temmen li kien għalhekk u għalxejn aktar li l-kuntratt sar taħt is-sembjanza ta' donazzjoni, biex Sultana ma jkollux għalfejn jispjega il-provvenjenża tal-flejjes, €26,000, li bihom xtara l-propjetà mingħand Brincat.**

Għandha r-rilevanza tagħha ix-xiehda ta' John Baptist Degiorgio in kwantu turi kif l-imputat kien finanzjarjament komdu biżżejjed biex jidħol għal biċċa negozju fuq propjetà oħra. Degiorgio spjega kif wara li għamel reklam fuq Facebook fuq post il-Fgura hu ġie kkuntatjat mill-imputata. Wara messaġġi fuq il-Facebook, mar ltaqa magħha l-ħanut tagħha w hi qaltlu li ma kienx għaliha w li l-għarus tagħha qalilha dwar il-post. Talabha €130,000 u ma riedx jaċċetta €100,000 *cash* li offrietlu Pawlina Cutajar *"meta kellimtha live qaltli isma mija toqghod? Cash?"*.[180] Il-post għadu fuq il-pjanta. *"Ghidtilha ghalik jiena, le mhux ghalija, imbghad ghidtilha ghal min? Qaltli ghall-gharus qaltli irid jithajjar fuq xi post forsi ghal xi hadd"*.[181]

*Il-Ħanut 64 Triq San Pietru Fgura/Bliss Massage*

**Josianne Brincat** għarfet lill-imputati bħala l-persuni li xtraw il-ħanut tagħha, *beauty salon* fil-Fgura bl-isem Raffaella.[182] Inbiegħ wara kuntratt[183] li sar mal-imputat f'Lulju, 2018, għal €26,000 *cash*.[184]Tiddikjara li **l-flus għaddew f'daqqa quddiem in-nutar Joseph Tabone, Ħamrun,** u li preżenti kien hemm ukoll missierha.[185] Kien l-imputat li għażel lin-Nutar Tabone.

Il-Qorti ma setgħetx ma tindagax oltre` dwar *fatt skonċernanti* li ġie riskontrat matul it-testimonjanza ta' din ix-xhud.

---

[180] Fol.157-159
[181] Fol.161
[182] Fol.81-82
[183] **Dok.JB** a fol.90 et seq. Kopja awtentikata **Dok. JT** a fol.724
[184] Fol.83
[185] Fol.85

Filwaqt li Brincat tul ix-xiehda tagħha ttenni li hi biegħet il-ħanut, il-kuntratt esibit minnha jiddikjara li l-ħanut ġie **trasferit bħala donazzjoni.** Mistoqsija mill-Qorti dwar din id-diskrepanza ix-xhud tiddikjara *"Bieghejtu suppost".*[186] Mitluba tgħid x'negozjati saru fir-rigward tgħid *"Sar il-**ftehim man-Nutar** biex peress li ma dahalx loan u hekk speci ghamilnieh bħala donation…**Jien ghalija xiri kien qisu xiri. Hadt il-flus**…mort ghand in-nutar u ffirmajt karta…Qbil [re li l-bejgħ jiġi reġistrat bħala donazzjoni] ma kienx hemm jigifieri **jiena mort biex inbieghu** l-ħanut".*[187]

Jekk Brincat kienitx komparteċipi jew le f'din il-messa in xena ma jnaqqas xejn mill-involviment u responsabiltà tal-imputat! Għalhekk is-sottomissjoni tal-abbli difiża li din il-persuna kellha tiġi investigata, għalkemm dan hu fil-fatt dak li ser tordna l-Qorti aktar il-quddiem, ma jimmilita xejn favur l-imputat. Sultana jinsab akkużat bir-reat ta' riċiklaġġ f'dawn il-proċeduri u ħadd iżjed; imputazzjoni li tirriżulta ampjament ippruvata.

**In-Nutar Joseph Tabone**, wara li ngħata d-debita twissija, għażel li jixhed. Huwa għaraf lil Sultana bħala persuna li mar għandu biex jagħmel kuntratt ta' donazzjoni ta' ħanut li jinsab fi Triq San Pietru, Fgura.[188] Ikompli li donazzjoni tfisser rigal u kieku jkunu għaddew flejjes ***"ikun kuntratt null".*** Jisħaq li fil-presenza tiegħu ma għaddewx la flus u lanqas ċekkijiet.[189] Jispjega li l-partijiet ikunu l-ewwel marru biex jinformawh x'riedu imbagħad imorru t-tieni darba sabiex isir il-kuntratt, u fil-frattemp għamel riċerki.[190]Jixhed hekk meta mistoqsi kienx sar xi ftehim biex il-bejgħ jinħeba bħala donazzjoni *"Mieghi ma sarx ftehim, l-ebda ftehim. Jiena qaluli biex naghmel b'donazzjoni u ghamilt donazzjoni. Ma ghamilt l-ebda ftehim jien u lanqas ebda suggeriment …. Issuggerew huma, qaluli isma ha naghmlu donazzjoni …. .Mieghi ma sarx ftehim u lanqas ghamilt suggeriment jigifieri …..il-ftehim ma sarx mieghi zgur jigifieri. Jien quddiemi la rajt flus u l-kuntratt qed nghidlek kellhom tlett gimghat cans biex jergghu ma jigux jew jien naf….. Le quddiemi ma sar l-ebda transaction [bi flus]… Donazzjoni, hekk gew mill-bidu u baqghu jinsistu sa xhar, tlett gimghat wara."*.[191] In kontro-eżami jisħaq li qatt ma ra lill-imputata Cutajar.[192] Evidenza ulterjuri li kien Johan Sultana li primarjament kien jieħu ħsieb jiġġestixxi n-negozju.

---

[186] Fol.86
[187] Fol.87-88
[188] Fol.718-719
[189] Fol.720
[190] Ibid.
[191] Fol.720-721
[192] Fol.722

Il-Qorti tqis li hi x-xhud Josianne Brincat li ma kellha l-ebda raġuni għalxiex tigdeb dwar il-fatt li Sultana, bniedem li ma tafux, ħallas €26,000 għall-ħanut tagħha u li dan il-kuntratt u l-ftehim fir-rigward saru quddiem in-Nutar Tabone.

L-ispjegazzjoni li tagħti Brincat dwar dak li qalilha n-nutar peress li ma daħalx f'*loan* – xi ħaġa li ma tagħmel l-ebda sens - tiżvela dettal li jsaħħaħ il-kredibilita` tagħha u fl-istess ħin iġib fix-xejn dik tan-Nutar Tabone li xehed li ma għaddewx flus fuq dan il-kuntratt. Brincat ma kienetx taf lil Sultana w għalhekk ma jagħmel ebda sens li din kellha għalfejn tgħaddi l-propjetà tagħha b'donazzjoni!! Jista' jagħti l-każ li n-Nutar kien jaf ben tajjeb is-sitwazzjoni ta' Sultana w kif il-bejgħ qatt ma kien ser jissodisfa r-rekwiżiti ta' *due diligence* li kien obbligat jiżvolġi fuq Sultana w flusu. L-istat ta' Sultana ma kienx jippermetti li jagħmel tranżazzjonijiet bi flejjes leċiti, tenut kont li l-uniku introjtu leġittimu tiegħu kien dak li jirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali!

Provi dwar Riċiklaġġ

Għalkemm ingħatat spjegazzjoni għall-flejjes li nstabu mill-pulizija fir-residenza tal-imputat, u ċioè il-flus li gew minn wirt u mill-flejjes mħallsin mingħand Argus Insurance[193], baqgħet ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar il-mod kif Sultana kien qed jiffinanzja l-istil ta' ħajja li kien qed jgħix, u kif kellu biżżejjed *cash* biex **jixtri propjetà w deheb filwaqt li jiffinanzja l-vizzju ta' droga w juri interess fi propjetà oħra** li tiswa l-fuq minn erba' darbiet aktar il-prezz mħallas għall-ħanut tal-Fgura.

Issa, il-mod dwar kif ġie ffinanzjat dak il-ħanut hu l-pern tal-imputazzjoni ta' riċiklaġġ addebitata lill-imputati w senjatament lill-imputat Sultana li hu s-sid waħdieni tal-ħanut imsemmi.

F'reati ta' *money laundering*, il-proċess kriminali jieħu xejra differenti minn dawk ta reati oħrajn propju għaliex f'każijiet ta' riċiklaġġ il-piż tal-prova jintefa' fuq l-imputat biex iressaq provi dwar il-provvenjenża leġittima tal-flus allegatament maħsula, f'dan il-każ primarjament ix-xiri tal-ħanut fil-Fgura.

Il-Qorti kienet tistenna li fix-xiehda tiegħu Sultana jispjega l-għejun li minnhom kien jgħix u kif baqa' jiffinanzja l-vizzji tiegħu. Ma jridx jintesa li l-uffiċjal tal-probation issemmi li l-imputat ammetta magħha li baqa' jagħmel użu mill-eroina *"l-użu tal-eroina li ghadu ghaddek waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport"*.[194]

[193] Vide xhieda Max Borg Bonello a fol.302, u Mark Micallef a fol. 568
[194] Fol.825

L-imputat sa mill-bidu nett minn meta ttieħdet l-ewwel stqarrija tiegħu, mhux kapaċi jgħid is-sewwa w jispjega l-istil ta' ħajja li hu, fl-istat tiegħu bħala *boarded out*, suppost dipendenti fuq l-assistenza soċjali, kien jgħix:

> *Spettur Jonathan Cassar : Jien staqsejtek int ghandek il-vizzju tad-droga u inti ghidtli iva, smack kuljum niehu.*
> *Johan Sultana : Mhm.*
> *Spettur Jonathan Cassar : Jien staqsejtek kemm tiehu kuljum u inti ghidtli gieghli nofs gramma ( 1 / 2 g) u gieghli gramma (1 g). Staqsejtek gieghli gejt arrestat jew tressaqt fuq droga ? U inti ghidtli fuq droga le.*
> *Johan Sultana : Le.*
> *Spettur Jonathan Cassar : Ghidtlek inti tahdem ? U inti ghidtli li ma tahdimx. Staqsejtek ghandekx xi tip ta' income u inti ghidtli iva, boarded out, niehu kwazi sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar tar-relief u tal-mard. Jien staqsejtek tixtieq tghidli minghand min tixtrieha l-eroina u inti ghidtli ma nwegibx. Staqsejtek kemm tixtrieha flus, ghidtli hamsa u tletin ewro (EUR 35) –il gramma, staqsejtek wahdek t'hix, ghidtli iva, mela. Staqsejtek jekk inti ghidtli li tiehu bejn nofs gramma ( 1 / 2 g) u gramma (1 g) kuljum, mela inti f'xahar il-minimu li tonfoq huwa hames mija, hamsa u ghoxrin ewro (EUR 525) u l-aktar elf u hamsin ewro (EUR 1,050). Kif tispjegah dan ? U inti ghidtli ommi tghini hux. Ghidtlek tahdem ommok ? Ghidtli li qieghed magħha jahdem."*[195]

Il-Qorti ma temminx li kienet ser tkun ommu jew il-*partner* t'ommu li kienu qed jiffinanzjawh biex ikompli jinqered bid-droga!

Il-Qorti tqis li meta it-transazzjoni ta' bejgħ tal-ħanut ġiet moħbija b'qerq bħala donazzjoni, dan sar biex Sultana, u possibbilment in-Nutar innifsu, ma jkollhomx jivvinkolawhom l-obbligi li (a) tingħata spjegazzjoni dwar il-provvenjenża tal-flejjes li bihom inxtara l-fond fil-Fgura w (b) li jitwettaq id-*due diligence* skond kif kontemplat bir-***Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu,*** L.S. 373.01, rispettivament.

Fil-fatt il-kuntratt ta' donazzjoni jagħmel riferenza leġġerissima għal Kapitolu 373 fejn jingħad li l-komparenti *"huma hawn taht iffirmati stqarrew ...l-provvenjenza tal-ġid tagħhom ma nkisbitx direttament jew indirettament minn rikavat illegali".*[196] Donazzjoni tfisser li obbligi ta' *due diligence* ma humiex rikjesti għaliex ma jkunux għaddew flejjes mingħand min ikun qed jixtri l-propjetà!

Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra it-tagħlim ġurisprudenzjali in materja li juri kif l-għemil tal-imputat Sultana jinkwadra ruħu f'każ klassiku ta' riċiklaġġ. Dan il-każ tassew hu a *textbook case of* Money Laundering kif ser jintwera fl-isfond tal-imsemmi tagħlim.

---

[195] Fol.238
[196] Fol.726

Ġurisprudenza dwar Money laundering

Fis-sentenza **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado**[197] **i**l-Qorti għamlet analiżi *funditus* dwar ir-rekwiżiti legali tar-reat ta' riċiklaġġ, jew kif inhu aħjar magħruf dak ta' *money laundering* previst bl-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Intqal kif fejn l-attività tal-imputat trid tiffigura f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2 tal-istess Kapitolu:

> Our Money Laundering Act, though a copious piece of legislation, does not give us a concise definition of the crime under issue. It does pronounce a number of instances which would constitute this crime, its attempt or complicity.
>
> Reference is made to Archbold 2012 where one finds that this offence is described and defined as:
>
> *"The explanatory notes to the PCA (Proceeds of Crime Act 2002) define money laundering as "the process by which the proceeds of crime are converted into assets which appear to have legitimate origins, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises."*
> (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2012, *page* 2475).
>
> The Law Society Anti-Money Laundering Practice Notes October 2013 (Supporting Solicitors) defines this crime as follows:
>
> *"Money laundering is generally defined as the process by which the proceeds of crime, and the true ownership of those proceeds, are changed so that the proceeds appear to come from a legitimate source. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud.* ***A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary****."*
>
> Adds:
>
> *"There are three acknowledged phases to money laundering placement, layering and integration. However, the broader definition of money laundering offences in POCA includes even* ***passive possession of criminal property as money laundering****."* (*page* 9)
>
> In examining this offence, our Courts have also established that the three elements – placement, layering and integration, are not per se *sine qua non* elements necessary for the crime to exist, establishing that these stages were but a general description of the crime in question, for better understanding of the lay person sitting in a Trial by Jury. The Criminal Court reiterated further that thus the Prosecution need not, according to Law, prove the intention in each and one of these stages.

---

[197] Court of Magistrates (Malta) As a Court of Criminal Judicature, per Hon. Magistrate Dr. Miriam Hayman; 29th April, 2015, Crim. Proc. No. 457/2013.

This short summary reflects the main points raised by the Court of Appeal in the judgment **"Police (Insp Angelo Gafa') vs Carlos Frias Mateo",** dated 19th January, 2012, wherein the Court is here cited to have said this:

*"Kif ben qalet tajjeb l-Ewwel Qorti diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha "placement", "layering" u "integration". Dawn l-istadji gew imfissra b'mod konciz mill-Qorti tal-Magistrati. Pero` mill-bidunett ta' min jipprecisa, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni generali tal-process tal-hasil tal-flus. Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l-kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati. Għalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika. Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tissemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri. Għalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss btala punto di partenza u btala deskrizzjoni generali tal-process tal-"money laundering" b'mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni f'kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jingħad fid-dawl ta'd-definizzjoni ta' "money laundering" li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll ir-reati kkontemplati fl-artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal-Parlament Ingliz "Proceeds of Crime Act 2002" fejn analiżi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti "placement", "layering" u "intergration" bil-propjeta`."*

Furthermore, as justly pointed out by Defence Counsel in the note of submissions, our Courts have advised caution in dealing and assessing this case, as well explained in another judgment handed down by the Criminal Court in the case **"Republic of Malta vs John Vella"** decided on the 9th November, 2007:

*"L-Avukat Ġenerali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' money laundering mingħajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attivita' kriminali sottostanti. Ċertament pero, ikun x'ikun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laudering irid jindika n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega. Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghal money laundering.*

*Din hi Ligi straordinarja li tintroduci kuncett radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skuplu u attenzjoni biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zminijiet tal-inkluzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem."*

Further considers, that as said our Law does not give a comprehensive definition of this crime, opting instead to delineate various instances which would constitute the crime of Money Laundering or its attempt or complicity. Section 2(1)(i) of the said Chapter defines the crime of money laundering as being constituted in any one or more of the instances as reflected in the charge sheet.

Whilst the actus reus of this crime should present no problems to comprehend, it is immediately obvious that the mental formal elements involved range from **the actual knowledge that the proceeds laundered had a criminal provenance, to even the suspicion thereof**. The Law as amended uses the words "knowing" or "suspecting". [(Section 2(1)(i)]. The element of knowledge should present no difficulties to proof in a Court of Law, knowledge is what it is. It clearly means that one has a good understanding, knowhow, command, and comprehension of a situation. The term suspicion on the other hand can present and lend itself to a myriad of difficulties and is deserving of more exploration.

Guidance is here sought by reference to Money Laundering Offences: The Law Society, Chapter 5, 2013, October Practice Notes. This extract refers to the P.O.C.A. It can help us understand the mental elements necessary under our Legislation. To keep in mind is that our Chapter 373 speaks only of knowledge and suspicion, whereas the POCA speaks of three elements including that of "reasonable grounds for suspicion", this within the limitations hereunder outlined:

***"5.3 Mental elements***

*The mental elements which are relevant to offences under Part 7 of POCA are:*

- *knowledge*
- *suspicion*
- *reasonable grounds for suspicion*

*These are the three mental elements in the actual offences, although the third one only applies to offences relating to the regulated sector. There is also the element of belief on reasonable grounds in the foreign conduct defence to the money laundering offences. A person will have a defence to a principal offence if they know or believe on reasonable grounds that the criminal conduct involved was exempt overseas criminal conduct.*

*For the principal offences of money laundering the prosecution must prove that the property involved is criminal property. This means that the prosecution must prove that the property was obtained through criminal conduct and that, at the time of the alleged offence, you knew or suspected that it was.*

*For the failure to disclose offences, where you are acting in the regulated sector, you must disclose if you have knowledge, suspicion or reasonable grounds for suspicion; while if you are not in the regulated sector you will only need to consider making a disclosure if you have actual, subjective knowledge or suspicion.*

*These terms for the mental elements in the offences are not terms of art; they are not defined within P.O.C.A and should be given their everyday meaning. However, case law has provided some guidance on how they should be interpreted.*

***5.3.1 Knowledge***

*Knowledge means actual knowledge. There is some suggestion that wilfully shutting one's eyes to the truth may amount to knowledge. However, the current general approach from the criminal courts is that nothing less than actual knowledge will suffice.*

***5.3.2 Suspicion***

*The term 'suspects' is one which the court has historically avoided defining; however because of its importance in English criminal law, some general guidance has been given.*

*In the case of Da Silva [1996] EWCA Crim 1654, which was prosecuted under the previous money laundering legislation, Longmore LJ stated:*

*'It seems to us that the essential element in the word 'suspect' and its affiliates, in this context, is that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice.'*

*There is no requirement for the suspicion to be clear or firmly grounded on specific facts, but there must be a degree of satisfaction, not necessarily amounting to belief, but at least extending beyond speculation.*

*The test for whether you hold a suspicion is a subjective one. If you think a transaction is suspicious, you are not expected to know the exact nature of the criminal offence or that particular funds were definitely those arising from the crime. You may have noticed something unusual or unexpected and after making enquiries, the facts do not seem normal or make commercial sense. You do not have to have evidence that money laundering is taking place to have suspicion."*
(P.O.C.A Proceeds of Crime Act 2002 (U.K).

This therefore is the level that the Prosecution must reach to prove the mental element of this crime, knowledge or suspicion as here explained, beyond reasonable doubt, on the part of the offender of the illegal provenance of the proceeds.

It is obviously only after an acute examination of all the facts of the case presented to the Court, that one of these elements can be proved. Obviously knowledge transcends any suspicion.

The proof of the underlying offence is regulated by Article 2(2)(a) of Chapter 373 that reads:
*"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity."*

Therefore, the Prosecution are aided, to a degree, in proving the necessary crime originator of the questioned laundered proceeds by direct evidence where available, or by circumstantial evidence or any other evidence, and need not necessarily produce an actual conviction that establishes the underlying offence. Neither does the Law require them to proof with precision the nature of the crime involved.

Therefore the launderer need not be knowledgeable of the precise nature of the crime whose proceeds he is helping to convert into unsuspicious clean property. Suffice that he has knowledge or a suspicion that these proceeds might have a dubious origin.

Applied to the case in question this therefore means that the Prosecution need not proof John Joseph Evans' guilt but the nature of his operations, in his instance drug trafficking or that something appeared amiss at a stage in time to the accused.

Yet another exception arises in this Chapter concerning the level of proof and or the burden thereof. This emanates from Section 3(3) of Chapter 373 which refers directly to a shift in the burden of proof found entrenched in Chapter 101 of the Laws of Malta.

Fil-fatt l-Artiklu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, li ġa saret riferenza għalih jipprovdi:

> (3) Fi proċeduri dwar reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi., għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

Fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Ordinanza msemmija nsibu:

> (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

Il-Qorti fil-każ ċitat kompliet:

> Obviously this last quoted Section deals with proceeds of crimes dealt with under Chapter 101. This presumption is however applicable to all predicate offences and their proceeds as regulated by Chapter 373.
>
> It therefore transpires that for a charge of money laundering to be proven successfully, **the Prosecution must proof the nexus between the criminal activity and the questioned dubious proceeds, but it lies with the charged or accused, failing a reasonable explanation thereof to prove, now to a level of probability, the lawful origin of the monies in question**.
>
> In this regard, for a better understanding of the level of proof the Prosecution has to reach to establish the underlying offence and that necessitated by the accused as rebuttal of the illegal knowledge of the proceeds, the Court is once again referring to the Carlos Frias Mateo decision above cited, dated 19th January, 2012, wherein the Court said:
>
> *"F'din il-kawza, l-appellat qed jiġi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta iżda dan il-Kap jagħmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata.*
>
> *Għalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma għandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali*.
>
> *Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jiġi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*
>
> *Ikkunsidrat :*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Iżda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jgħid fost affarijiet* oħra,
*"Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer."*

*Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Għalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jiġi definit btala "a case to answer", haga li għandha tiġi nvestigata aktar fil-fond.*

*Fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-każ, intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"?"*

Further considers:

First and foremost the Court is of the opinion that the first issue to be tackled is one raised by the Defence in its note of submissions regarding the charges proffered claiming uncertainty on the part of the Prosecution, having directed at the accused all the content of Section 2(2) of the Money Laundering Act. True enough, Prosecution chose to debit the accused with the burden of all the criminal instances found in the said Section. Obviously he cannot be guilty of all, but one does not necessarily exclude the other. Obviously these are alternate charges, this being more evident and obvious in as far as the alleged complicity or attempted charges are proffered. One must also remember that at a later stage in the proceedings, Attorney General, exercising his discretion under Chapter 373, sent this case for a summary judgement, therefore inviting this Court to examine the facts against the requisites of Section 2(2) of the said Chapter.
[emfazi ta′ din il-Qorti]

Fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat:

That it is to be emphasised that the charge of money laundering brought against defendant is based on Chapter 373 of the laws of Malta and not Chapter 101. In the latter case the prosecution must necessarily show a link between the assets being laundered and some criminal activity prohibited under Chapter 101. In the former case (i.e. an offence under Chapter 373) what the prosecution must show is a link between the laundered assets and an offence listed in either the first or second schedule of the said Chapter 373 which however also include traffic in narcotic drugs and psychotropic substances.

That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question. This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case **Republic of Malta vs John Vella**[198] when it said:

---

[198] Deċiża 29.11.1999 u ċitata f′ **Il-Pulizija vs Paul Borg** (Qorti tal-Appell Kriminali sede Inferjuri) Deċiża 06.10.2003.

*….l-Avukat Ġenerali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghjar ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attivita kriminali sottostanti…. Ċertament pero ikun x'jkun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering … irid jindika n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega*.

That once the prosecution satisfied this onus, in terms of article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta which applies to proceedings for an offence of money laundering by application of article 3(2A)(3) of Chapter 373, the burden of proof then shits on defendant who has the onus of showing the lawful origin of the money in question. Defendant produced no such evidence.[199]

Għall-fini ta' korrettezza jiġi sottolinejat li fiż-żmien tad-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella** li saret riferenza għaliha fis-sentenzi **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado,[200]** u **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin[201]** "attività` kriminali" taħt l-artikolu 2(1)(b) tal-Att kontra *Money Laundering* kienet tfisser xi wieħed jew aktar minn reati elenkati fit-Tieni Skeda; għalhekk kien isegwi li kellu jiġi indikat *"n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari".*

Iżda bi dħul fis-seħħ tal-***Att VII tal-2010,*** l-artikolu 2(2)(a) tal-Att gie emendat biex minflok il-kliem "*attività kriminali sottostanti.*" gew sostitwiti l-kliem "*attività kriminali u mingħajr il-ħtiega li jiġi stabbilit b'mod preciz liema hija l-attività sottostanti,*". Dan ifisser li tneħħiet il-ħtieġa li tiġi speċifikata n-natura partikolari tal-attività kriminali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Morgan Ehi Egbomon**[202] ukoll kellha l-okkażjoni biex tirrimarka dwar l-effett ta' dawn l-emendi li b'hekk biddlu l-pożizzjoni legali kif enunċjata bid-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella**:

7. In its judgement regarding these pleas, the Criminal Court said:

**"That as regards the first count, the accused is claiming that this is null and void because it does not in any way indicate the antecedent offence or source which could give rise to money laundering.**

**"The accused is arguing that the Attorney General must at least prove prima facie that the money is coming from an illicit activity. If there is a shifting of the burden of proof, this must be accompanied by an illicit activity which illicit activity should show in the bill of indictment. In this case no previous offence was established, therefore there is no antecedent criminal act. The situation is very similar to the crime of receiving stolen property where there must be proof that the goods have a criminal origin. Therefore, in**

---

[199] Case Number: 197/2008; 23.11.2009, per Magistrate Dr. Doreen Clarke.
[200] *Supra*
[201] *Supra*
[202] Appell fuq Deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fuq Eċċezzjonijiet Preliminari, Att t' Akkuża Nru. 16/2009. Deċiża 31.07.2014.

**matters of money laundering, the Prosecution must prove the illicit origin of the money. The suspicion of a crime is not enough. It has yet to be established what is the predicate offence.**

**"Considers:**

**"It has to be stated from the outset that the narrative part of the bill of indictment is not evidence of its own contents. It is just an explanation given by the Attorney General to show why he deems it necessary to charge the accused with the crime of money laundering. The narrative still has to be proven in a Court of law and the Attorney General is not bound with the details of the narrative but only with the general theme of the narrative. He is, however, fully bound by the concluding paragraph of the charge from which there can be no deviation.**

**"This means, therefore, that if according to the accused, the bill of indictment does not in any way indicate the antecedent offence, or source, this does not mean that evidence of this offence can not be brought during the trial. According to the guidelines given by the Court of Appeal in the case "Police versus Carlos Frias Matteo" of the nineteenth (19th) of January two thousand and twelve (2012), it was stated that:**

**"Għalhekk, dan il-livell ta' prova prima facie japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-artikolu 2(2)(a) tal-istess Att jezimi mir-responsabilta` lill-Prosekuzzjoni milli tipprova xi htija precedenti in konnessjoni ma' xi attivita` kriminali, kulma għandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu filpussess tal-persuna ma kinux konformi mal-istil ta' ħajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anki minn provi indizjarji. Dan ifisser illi lProsekuzzjoni m'ghandhiex tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kinux illegali. Kulma trid tipprova huwa fuq grad ta' prima facie illi ma hemm lebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, ikun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini talflus ma kinux illegali."**

**"This Court finds that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence. Here, the Attorney General did not fail to indicate what the actus reus was all about even though he does not have to prove any specific offence.**

**"This Court, therefore, finds that the narrative part of the first charge of the bill of indictment contains sufficient information for the accused to prepare for his defence, is drafted according to law and sees no reason why it should be declared null and void.**

**"For these reasons, therefore, the Court dismisses the first plea of the accused.**

……….

15. First of all this Court must point out that article 2(2)(a) of Chapter 373 of the Laws of Malta, as it stood at the time when the money-laundering offence with which appellant has been charged allegedly took place, provided:

**"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the**

**existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity."**

16. It was by means of article 59(b) of Act VII of 2010, that the words "criminal activity." were substituted with the words "criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity." Yet by means of Legal Notice 176 of 2005 the Second Schedule of Chapter 373 of the Laws of Malta was amended such that "criminal activity" was to refer to "any criminal offence" and individual criminal offences were no longer specified in the Schedule (as was the case when the judgement **Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Vella** decided on the 26th November 1999 by this Court differently composed, and to which appellant referred, was delivered).

17. In any case in its judgement the first Court did conclude **"that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence."**

18. It is also true that article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta is applicable to proceedings under Chapter 373 (see article 3(3) of said Chapter 373) and that this article provides:

**"In proceedings for an offence under paragraph (a), where the prosecution produces evidence that no reasonable explanation was given by the person charged or accused showing that such money, property or proceeds was not money, property or proceeds described in the said paragraph, the burden of showing the lawful origin of such money, property or proceeds shall lie with the person charged or accused."**

19. Nonetheless the following principles, as clearly outlined by the Constitutional Court in its judgement of the 1st April 2005 in the case **The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**, must be applied:

**"(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt; (ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities; (iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted; (iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case; (v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence."**

20. Consequently this Court finds no reason to vary the first Court's conclusion that it did not find the bill of indictment null and void. Thus appellant's first grievance is dismissed.

[sottolinejar tal-Qorti]

Imbagħad fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos,** il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet analiżi approfondita w dettaljata dwar l-oneru tal-prova li jinkombi lill-partijiet f'każijiet ta' ħasil ta' flus. Fil-fatt dik l-Qorti qalet hekk:[203]

> *Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*
>
> *Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l- Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Ġenerali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" mingħajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Ġenerali għandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.*
>
> *Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Ġenerali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "**Il-Pulizija vs Paul Borg"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Ġenerali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali għandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jiġi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba btala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

Kif ikkonkludiet b'mod preċiż għall-aħħar il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża **Il-Pulizija vs Alfred Delia et**: [204]

> Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tiġi rizolta fil-każ in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u cioe *fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-każ,* (provi biex jiġi pruvat in-ness bejn il-flus utitlizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita kriminali) *intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"* biex mbaghad **l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini legittima tal-flus utilizzati**. [emfazi ta' din il-Qorti]

---

[203] Onor. Imħallef Dr. Michael Mallia; Deċiża fid-19 ta Jannar, 2012,

[204] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke. Deċiża 23.05.2013, Kump. Nru 672/2010

❖ Il-*Predicate Offence/Criminal Activity*

L-artikolu 2(1) tal- ***Att kontra*** Money Laundering jagħti s-segwenti tifsira għall-attività kriminali:

> "attività kriminali" tfisser kull attività, tkun fejn tkun magħmula,u tkun meta tkun magħmula, li taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra,tammonta għal:......
>
> (b) wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda għal dan l-Att;

It-Tieni Skeda mbagħad tipprovdi għal: "Kull reat kriminali"

L-artikolu 2(2)(a) tal-***Att kontra*** Money Laundering jipprovdi:

> (2) (a) Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' Money Laundering taħt dan l-Att, anke finnuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra,mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti.

Għaldaqstant, minkejja li biex jiġi pruvat r-reat ta' riċiklaġġ hemmx ħtieġa li jiġi pruvat ukoll b'mod preċiż il-*predicate offence*, jew aħjar l-*underlying criminal activity*, fil-każ in deżamina dan ġie pruvat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

Ġiet esibita sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-2 t'Awissu, 2006 dwar <u>diversi imputazzjonijiet ta' serq</u> fejn Sultana ġie kkundannat għal sena u disa' xhur ħabs kif ukoll gew reżi operattivi sentenzi ta' tliet xhur u sena priġunerija rispettivament.[205]

Minbarra dan, il-prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha mhux billi resqet provi merament ċirkostanżjali tal-għemil sottostanti kif tikkontempla l-ligi (Artikolu 2(2)(a) tal-Kapitolu 373), iżda ġabet **provi inkonfuttabbli li Sultana kien qed jgħix għal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal- prostituzzjoni ta' persuni oħra**, inkluż il-prostituzzjoni tal-imputata stess u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tal-***Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni***.

Ġie pruvat ukoll sal-grad imsemmi li Sultana kien risponsabbli mill-ħanut in kwistjoni, anzi kien is-sid assolut tiegħu w minn ġo fih mhux talli ippermetta iżda fil-ħanut tiegħu offra w ippromwova prostituzzjoni w għemil immorali bi vjolazzjoni tal-artikolu 9 tal-Ordinanza.

[205] **Dok.JCZ2** a fol.626 et seq

Bla dubbju il-prerekwiżit li dan l-għemil jew attività tkun tikkostitwixxi **"reat kriminali"** ġie sodisfatt.

❖ Il-Preżunzjoni ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-import tal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Doris (Maria Dolores) Borg**:[206]

> Illi, dwar l-elementi ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tagħmel esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza in materja, li a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed tagħmilhom tagħha. Illi, hekk kif irraġunat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellanti kienet ben konxja mill-provenjenza illeċita talflus li hi approprjat ruħha indebitament mingħand il-parte ċivile, speċjalment meta użat l-istess sabiex takkwista affarijiet u servizzi għaliha personali. Illi l-Ewwel Qorti torbot is-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat mal-użu magħmul mill-appellanti ta' flejjes li inġibdu minnha mill-kont bankarju ta' Agius sabiex akkwistat vettura. Illi ex admissis l-appellanti tgħid illi fost oħrajn hija ġibdet l-ammont ta' €2400 u li lesta tirrifondi dan l-ammont meħud indebitament. Illi mill-istqarrija rilaxxjata minnha, jirriżulta illi l-appellanti hija persuna diżokkupata u taqla' is-somma ta' €754 fix-xahar bħala assistenza soċjali (relief). Tgħid illi kellha flus f'idejha u dan għaliex kienet wirtet xi ġid mingħand missierha u mingħand l-exsieħeb tagħha. L-appellanti madanakollu ma ressqet ebda prova u dan sal grad tal-probabbli sabiex tissostanzja din il-provenjenza, kif lanqas tissostanzja il-prova sal-grad meħtieġ minnha fil-liġi illi l-ammont tal-flus minnha minfuq kien utilizzat kollu kemm hu għal bżonnijiet tal-anzjana jew inkella li kellha il-kunsens tagħha sabiex tberbqilha ġidha kollu, prova li kienet tinkombi fuqha fit-termini ta' dak imfassal fl-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioe' meta l-oneru tal-prova idur fuqha sabiex hija tipprova tiskolpa lilha innifisha u tressaq dik l-evidenza li tista' tindika l-leġittimita' tal-flus minnha utilizzati. :
>
> > **Fil-proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkuzat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, propjeta' jew rikavat ma kenux flus, propjeta' jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jiprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, propjeta' u rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata.**
>
> Illi, fid-dawl ta' l-istess, din il-Qorti hija tal-fehma, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellanti ma rnexxiliex tissodisfa dan l-oneru u ma ġabet l-ebda prova sabiex tispjega kif, minkejja l-introjtu niexef tagħha, kienet kapaċi tgħix l-istil ta' ħajja li kienet tgħix, u fuq kollox li tixtri vettura fi flus kontanti li tagħhom ma tagħti ebda rendikont leġittimu. La ġabet prova tal-ġid tagħha u ċioe' jekk għandiex xi proprjeta' jew flejjes derivanti minn wirt, jew minn xi sors ieħor leġittimu kif tallega. Mhux biss iżda millkompendju tal-assi ippreżentat minn Dr. John Seychell Navarro jirriżulta illi l-appellanti ma għandha ebda ġid patrimonjali. B'hekk, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti, setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni

[206] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 178/2018. Deċiża 26 ta' Novembru 2021

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-imputat Sultana li ma rnexxielux jissodisfa l-oneru inkombenti fuqu dwar il-provvenjenza leċita tal-flejjes li bih xtara il-ħanut li kien jutilzzah għall-eżerċizzju ta' prostituzzjoni.

**Sultana ma ġab l-ebda prova sabiex jispjega kif, minkejja l-introjtu ineżistenti tiegħu, kien kapaċi jgħix l-istil ta' ħajja li kien jgħix, ivvizzjat mid-droga, jixtri *parts*, deheb u ħanut jiswa €26,000. Bix-xiri tal-ħanut l-imputat effetivament wettaq riċiklaġġ, *multo magis* meta dan il-ħanut ġie trasferit fuq ismu taħt titolu ta' donazzjoni.**

Ix-xiri ta' dan il-ħanut, li sar taħt l-ingann li dan it-trasferiment kien donazzjoni, jinkwadra fis-segwenti ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 2(1) tal-*Att kontra l-Money Laundering*:

> (i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
>
> (ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
>
> (iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
>
> (iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

L-imputat ma rnexxielux jipprova lanqas remotament li l-flejjes li bih xtara l-ħanut, il-flejjes li bihom kien imantni lilu nnifsu w jgħix l-istil ta' hajja li kien jgħix, ma kienux provvenjenti minn attività kriminali fosthom serq u qliegħ mill-prostituzzjoni li kien jitwettaq fil-ħanut li tiegħu kien is-sid assolut u li kien jiġġestixxi flimkien mal-imputata: **"My *Shop* Fgura Bliss 99814324".**[207]

Dan jiskontra mal-każ miġjub kontra Pawlina Cutajar, fejn mhux talli l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova ta' xi għemil li jikkonfigura bħala ċirkostanza minn dawk elenkati taħt l-artikolu 2(1)(i) sa (vi) tal-*Att kontra l-*Money

[207] Vide file **SIM Card.xry XRY Viewer**, Index 11

Laundering, iżda l-abbli difiża ġabet provi sal-grad rikjest dwar il-flejjes li allegatament kienu jappartjenu lilha.

Għalhekk filwaqt li Cutajar qed tiġi liberata mill-imputazzjoni ta' riċiklaġġ, Sultana qed jinstab ħati ghall-riċiklaġġ.

Imputazzjonijiet Numri 5 u 6 fil-konfront ta' Cutajar waħedha

L-Ispettur Tabone esibit sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta datata is-16 ta' Mejju, 2018,[208] fejn Pawlina Cutajar ġiet kundannata għal sena priġunerija sospiża għal sentejn fuq imputazzjonijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Johan Sultana** il-Qorti ddikjarat:[209]

> Irid fil-fatt jigi osservat illi trid issir distinzjoni bejn sentenzi fejn gew applikati provvedimenti ta' l-allura Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum il-Kap. 446) fejn allura persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation u dawk is-sentenzi fejn l-appellant ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija, anke jekk sospiza, jew ghall-piena tal-multa. Fil-kaz ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, persuna tista' titqies bhala recidiva skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 izda mhux ukoll skond l-artikolu 50 tal-Kap. 92 jekk il-perijodu operattiv ikun ghadu ma skadiex.

Peress li s-sentenza msemmija ma kienitx għada ġiet esegwita peress li kienet sospiża sa Mejju, 2020, Pawlina Cutajar tista' tinstab ħatja biss ta reċidiva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Jiġi osservat, u kif ser jiġi kkunsidrat aktar il-quddiem, li s-sentenza esibita mill-prosekuzzjoni minbarra li fiha l-konnottati li jaqblu ma dawk tal-imputata, il-kundanna msemmija hi riflessa wkoll fil-fedina penali tagħha w konsegwentement tikkostitwixxi prova sħiħa w sodisfaċenti skont il-ligi.

Imputazzjoni Numru 7: Pussess ta' Eroina

Nhar l-14 ta' Diċembru, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjoni numru seba' (7) dwar pussess ta' eroina.

Il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati ghall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din

---

208 **Dok.RT2** a fol.555-558

209 Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Appell Kriminali Numru. 317/2005; Deċiża 2 t'Awissu, 2006

il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni numru seba' (7) miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

**Dr. Godwin Sammut** analizza s-sustanza w miżien li gew esibiti mill-Ispettur Cassar f'dawn l-atti.[210] Is-sustanza nstab li kienet <u>eroina b'piż totali ta' 0.12grammi</u>**.** Ma setgħax jgħid il-purita` minħabba li l-ammont kien ftit.[211]

Għalhekk rigward din l-imputazzjoni filwaqt li qed tinstab ħtija, isib applikazzjoni l-artikolu 4 *Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija).*

<u>Imputazzjoni Numru 8</u>

L-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> Kull min, wara li jkun ġie <u>ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni</u>, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur

F'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zammit**[212] ġie kkunsidrat:

> Issa ibda biex r-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali igorr mieghu tlett elementi essenzjali u cioe':
>
> 1. irid ikun hemm kundanna precedenti minn qorti ghar-reat tas-serq.
> 2. jirrizulta l-pussess ta' frottijiet ecc. minghajr ma tinghata kont tal-provenjenza legittima taghhom jew;
> 3. jirrizulta l-pusess ta' ghodod tajbin sabiex isir sgass ecc., minghajr ma tinghata kont sodisfacenti ghal liema skop legittima dawn jinstabu f'tali pussess.

Diversi kienu s-sentenzi esibiti fejn Sultana ġie kkundannat dwar serq, fosthom dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 t'Awissu, 2006 dwar diversi

---

[210] **Dok. JC14** (sustanza) u **Dok.JC15** (miżien); vide xhieda a fol.38
[211] Fol.198. Rapport **Dok.GS** a fol.199 et seq.
[212] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 627 / 2016; Deċiża 28 ta' Ġunju, 2017

imputazzjonijiet ta' serq fejn Sultana ġie kkundannat għal sena u disa' xhur priġunerija.[213]

Ir-Reġistratur ippreżentat għadd ġmielu ta' sentenzi dwar sejbien ta' ħtija dwar serq *inter alia* dawk li fihom Sultana ingħata sentenzi ta' priġunerija: **Dok. EGF 3** Sentenza tal-Magistrat Antonio Mizzi, Il-Pulizija kontra Johan Sultana, fis-26 ta' Novembru 2001 fuq serq;[214] **Dok. EGF 4**, Sentenza mogħtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fil-5 ta' Lulju, 2004 fuq serq fejn weħel sentejn priġunerija;[215] **Dok. EGF 6** Sentenza tal-Magistrat Giovanni Grixti mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2009 fuq serq fejn weħel tlett xhur priġunerija wara li għal darba oħra ġie applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.[216] L-Ispettur Cassar esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata t-2 t'Awissu, 2006, **Dok.JCZ2**.[217]

Sentenzi oħra esibiti huma: **Dok. EGF** mogħtija mill-Magistrat Antonio Mizzi fl-10 ta' Mejju, 1999 fuq serq;[218]**Dok. EGF 1** sentenza fil-konfront ta' Stephen Galea, Sandro Vella, Joseph Esqcer, Joseph Borg u Johan Sultana, mogħtija mill-Magistrat Silvio Meli fil-25 ta' Mejju 1999 fuq serq;[219] **Dok. EGF 2** Sentenza mogħtija mill-Magistrat Carol Peralta fit-30 ta' Mejju 2000 fuq serq fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Fabio Psaila u Johan Sultana;[220] **Dok. EGF 5** Sentenza mogħtija mill-Magistrat Antonio Mizzi fl-4 ta' Novembru 2008 fuq serq;[221]

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, u ġaladarba rekwizit essenzjali tagħha hu propju s-sejbien ta' ħtija tal-imputat fil-passat, il-Qorti tissottolinja li ma taqbilx ma dak li ssottometta l-abbli difensur meta fit-trattazzjoni finali tiegħu (u dwar l-imputazzjonijiet dwar reċidiva), saħaq li ġaladarba ma saritx prova mir-Reġistratur li s-sentenzi esibiti huma *res judicata*, l-imputat għandu jinħeles mill-addebitu tar-reċidiva.

Fl-ewwel lok jingħad li fl-ebda ħin tal-kontro-eżami lill-Ispettur Cassar jew lir-Registratur Grech Fiorini, ma ġie kontestat jew dubbitat li s-sentenzi esibiti minn Cassar u Grech Fiorini kienu *res judicata*. Il-prosekuzzjoni għamlet id-debita prova tagħha billi ipproduċiet is-sentenzi msemmija li lkoll għandhom il-konnottati tal-imputat. Sentenzi li jinsabu wkoll fuq il-fedina penali tiegħu.

213 **Dok.JCZ2** a fol.626 et seq
214 Fol.647-648
215 Fol.649-661
216 Fol.664-670
217 **Dok.JCZ2** supra
218 Fol.638-639
219 Fol.640-642
220 Fol.643-646
221 Fol.662663

Dan kien ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċediment fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zammit**[222] meta ġiet ikkunsidrat din is-sottomissjoni u ċioè li r-Reġistratur tal-Qorti għandu jipprovdi l-prova li sentenza tkun għaddiet in ġudikat sabiex persuna tista' tinstab ħatja li hi reċidiva:

> Fir-rigward tal-addebitu, kif ikkontemplat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-appellanti jishaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni tezebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Ufficjal Prosekutur f'dik l-istanza, jingieb bhala xhud biex jikkonferma l-identita tal-persuna akkuzata, ma hijiex prova sodisfacenti skont il-ligi billi trid issir il-prova tramite ir-Registratur tal-Qorti illi dik is-sentenza ghaddiet in gudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deciza in prim'istanza.
>
> **"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.[223]"**
>
> Illi allura bil-fatt li tigi esebieta is-sentenza tal-Qorti u issir il-prova ta'l-identita' ir-recidivita' tal-persuna akkuzata hija ippruvata. Ma hux necessarju kif jikkontendi l-appellanti illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkuzata stess ma tkunx qanqlet din id-difiza in prim'istanza u thalli kollox ghaddej qisu mhu xejn biex imbaghad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha, spetta lid-difiza imbaghad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi ohra jew anke bil-kontro-ezami tax-xhud. Ma jidhirx illi l-appellanti wara li gew esebieti s-sentenzi u anke xehed kemm l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll l-Prosekutur ta' dawk il-kazijiet ghamel il-mistoqsijiet in kontro-ezami li fil-fehma tieghu setghu ixejjnu il-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza ufficjali tal-Qorti.
>
> Illi di piu' ghalkemm il-fedina penali wahedha kif inghad ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfacenti, madanakollu l-Qorti tista' taghmel il-verfiki necessarji meta tigi esebieta sentenza tal-Qorti illi din hija wahda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aggornata ta'l-persuna akkuzata li f'dan il-kaz il-Qorti kellha il-prvilegg li ikollha sahansitra tlieta minnhom bl-ahhar wahda aggornata esebieta ftit qabel ma'l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. F'dan il-kaz din il-Oqrti rat li z-zewg sentenzi esebieti li jissodisfaw l-elementi kollha dwar l-identita ta'l-appellanti huma riflessi fil-fedina penali aggornata ta'l-appellanti minn fejn johrog illi ma kienx hemm appell fir-rigward. Kwindi l-appellanti ma ghandux ragun f'dan l-aggravvju u il-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz tas-sentenzi esebieti bil-konnotati jaqqblu ma' dawk ta'l-appellanti u bil-kundanni riflessi fil-fedina penali tikkostitwixxi prova shiha u sodsfacenti skont il-ligi.
>
> [sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[222] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 627 / 2016; Deċiża 28 ta' Ġunju, 2017

[223] **Il-Pulizija vs Paul Abela** deċiza App.Krim 10/09/2004

Fid-dawl tas-sentenzi esibiti m'hemmx dubbju li l-imputat nstab ħati fuq serq fil-passat. Kundanni riflessi fil-fedina penali[224] li tixhed il-kondotta twila kriminuża impenjattiva tiegħu.

Daqstant ieħor ġie pruvat li fil-*glove compartment* tal-vettura wżata minnu nstab martell flimkien ma indumenti li jaħbu l-wiċċ u l-marki tas-swaba, balaclava w ingwanta. Li dawn jikkostitwixxu, senjatament il-martell, *"għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sġassar"* mhux dubbitat.

Hu ferm indikattiv tal-karattru **xejn kredibbli w inveritjier** tal-imputat li fuq il-pedana tax-xhieda jipprova, mingħajr suċċess, jiġġustifika l-martell, balaclava w ingwanta. Jisħaq li l-martell jiġi mal-Mercedes u l-ingwanti u balaclava jintużaw fuq il-mutur.

Iżda x'mutur hu dan meta minn imkien ma jirrizulta li l-imputat hu sid ta' mutur? Lanqas ma nġabet ombra ta' prova li dan qed jagħmel użu minn xi mutur jew mqar Lambretta reġistrat fuq terz.

*Records* mit-Tranpsort Malta juru kif fil-passat Sultana kellu muturi reġistrati fuq ismu iżda fiż-żmien tar-reat imputat lilu dawn kienu ġja għaddew f'idejn sidien oħra. Per eżempju Suzuki GBB227 ġie trasferit fuq sid ġdid fl-2013[225]; Honda CBR ġie trasferit fuq terz fi Frar 2014[226]; Piaggio Runner ġie trasferit lil Topper Auto Dealer f'Ottubru, 2013,[227] Suzuki GSXR ġie trasferit lil terz f'April. 2017[228] u Peugeot Geopolis ġie trasferit lil dak li jidher hu missier l-imputat f'Lulju, 2017.

Iżda mhux biss. L-imputat wasal jesebixxi insurance Policy ghal din l-aħħar vettura il-mutur Peugeot. Jerġgħu jibdew domandi li fl-aħħar mill-aħħar jimminaw l-istess każ ghad-difiża kif ser jiġi muri:

> *"**Avukat**: Igifiri inti fis-sena elfejn u dsatax kellek mutur?*
> ***Xhud**: **Iva iva kelli**.*
> ***Avukat**: X'dokumenti ghandek li juru dan?*
> ***Xhud**: Ghandi logbook, tal-insurance..*
> ***Avukat**: Dak tista' thallih il-Qorti? Ghax l-originali qed narah minn hawn.*
> ***Xhud**: Iva iva għax il-mutur bihghejjtu.*
> ***Avukat**: Dak huwa logbook ta xiex?*

[224] Fol.20p; 20z, 21, 22n
[225] Fol.468-469
[226] Fol.475
[227] Fol.477
[228] Fol.491.

*Xhud:Li xtrajtu qabel l-elfejn u erbatax u* ***bighhejtu wara li nfetah il-każ*** *għax ma kellix bzonnu.*
***Avukat****: Mela ezebixxi dak id-dokument.*
***Qorti:*** *Dan qed jiġi mmarkat JS1."*[229]

Il-Qorti eżaminat din il-polza ta' assigurazzjoni.[230] Jirrizulta li din bdiet tiddekorri fil-21 ta' Mejju, 2014 u skadiet fil-31 t'Awissu, 2014. Ħames snin qabel iż-żmien li jagħmel riferenza għalih l-imputat! Fil-fatt dan il-mutur jidher reġistrat fuq missieru sa minn Lulju, 2017, u minn imkien ma irriżulta li kien l-imputat Sultana li kien jagħmel użu minn dan il-mutur.

Ix-xiehda mqanżħa tiegħu tissokta:

***Avukat****: Issa x'ingwanti huma dawk, x'użu kont taghmel minnhom fis-sena elfejn u dsatax?*
***Xhud****: Kont insuq il-mutur u ir-racer.*
***Avukat****: Ir-rota.*
***Xhud****: Ehe ir-rota.*[231]

Fil-proċess hemm mankanza assoluta ta provi li juru li l-imputat kien tassew isuq mutur jew imqar rota fiż-żmien tal-każ li nbeda fil-2019!

Lanqas ma nġab xi aġent tal-Mercedes biex jissostanzja il-verżjoni tal-imputat li l-martell – li l-qorti eżaminatu fejn il-manku tiegħu hu miksi bit-*tape* –hu tassew *equipment* li tkun tinsab mal-vettura Mercedes kif jistqarr l-imputat.

Kien ikun ferm u ferm aħjar li kieku l-imputat eżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. Bix-xiehda tiegħu, li għandha mill-ħrejjef u l-fantażiji, Sultana issiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni fuq it-tmien imputazzjoni kif ukoll immanifesta b'mod lampanti l-karattru inaffidabbli tiegħu. Ix-xiehda tiegħu tittenta tinsulta l-intelligenza ordinarja; hi fabbrikazzjoni mill-bidu sal-aħħar, depożizzjoni nieqsa minn xi farka ta' realtà w msejsa fuq ħrejjef tant li tirrażenta l-ludikru.

X'kellha tkun qed tagħmel ingwanta ta' mutur li ma jeżistix fi *glove box* ta' Mercedes flimkien ma balaclava u martell, ma jħallix lok ghall-ekwivoċi!

Din il-verżjoni li l-martell ġie mal-vettura Mercedes jgħidha biss *viva voce* għaliex fl-istqarrija kien saħaq li dak jintuża biex titkisser ħġieġa f'każ li jaqa' l-baħar bil-vettura:

[229] Fol.921
[230] **Dok.JS1** a fol.
[231] Fol.921-922

*Spettur Jonathan Cassar : [Dwar il-Mercedes] Staqsejtek min jużaha ghiditli nuzahha jien ukoll imbaghad staqsejtek qed nurik evidence bag li fiha martell li jkisser il-hgieg b'balaklava u zewg (2) ingwanti tal-waħda (1). Zewg (2) ingwanti, wahda (1)* ***latex*** *u wahda (1) tas-**suf**, ghditlek x'taf tghidli dwarhom u inti ghidtli kienu gol-karozza tieghi* ***l-ingwanta tar-rubber tar-racer u l-ingwanta tal-kesha****. Il-balaklava xtrajtha minn e-Bay.*
*Johan Sultana : Ghal fuq il-mutur.*
*Spettur Jonathan Cassar : Il-balaklava kont niblisha taht il-helmet u l-martell ghal xi incident. Jekk taqla' . . .*
*Spettur Roxanne Tabone : Taqa'.*
*Spettur Jonathan Cassar : Jekk taqa' l-bahar bis-sieq il-hgiega ma tkissirix....."*[232]

Ma jagħmilx sens li għall-kesħa iżomm fuqek ingwanta **waħdanija tas-suf.** Daqstant ieħor ma jagħmilx sens li biex isuq Mercedes jinħtieġ ingwanta **waħda tal-*latex*!**

Il-verità hi li Sultana jonqos milli jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu nstabu dawn l-oġġetti. Diċ-ċirkostanza magħduda mal-fatt li nstab ħati fil-passat fuq reati ta' serq, iwasslu lil Qorti biex ssib li l-prosekuzzjoni ppruvat it-tmien l-imputazzjoni sal-grad mistenni minnha.

Għalhekk Sultana qed jinstab ħati tal-imputazzjoni numru tmienja (8).

Imputazzjonijiet Numri 9: Ksur tal-Ordni ta' Probation

L-Ispettur Cassar esebixxa sentenza mogħtija mill-Onor. Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-6 ta' Novembru, 2017 li permezz tagħha Sultana tpoġġa taħt ordni ta' probation ghal tlett snin. Madanakollu l-imputazzjoni addebitata lilu tirrigwarda ordni li ngħata nhar is-16 ta' Novembru 2017.

Għaldaqstant l-imputat qed jiġi liberat minn din l-imputazzjoni, sforz ta' nuqqas t'attenzjoni kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-Avukat Ġenerali li permezz tar-rinviju jeżerċita skrutinju fuq il-ġbir ta' provi.

Imputazzjonijiet 10 sa 13 : Reċidiva

Ghal xi raġuni mhux magħrufa, il-prosekuzzjoni għażlet li tillimita din l-imputazzjoni ma sentenzi speċifiċi iżda mbagħad ppreċediet biex tesebixxi sentenzi b'dati differenti.

L-ispettur Cassar esebixxa sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 t'Awissu, 2006 dwar diversi imputazzjonijiet ta' serq fejn Sultana ġie

[232] Fol.66

kkundannat għal sena u disa' xhur ħabs kif ukoll fejn ġew reżi operattivi sentenzi ta' tliet xhur u sena priġunerija rispettivament.[233] Din isservi biss bħala prova ta' reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, iżda l-Qorti hi prekluża milli tieħu konjizzjoni tagħha ġaladarba l-imputat ma ġiex addebitat b'imputazzjoni ġenerika li hu reċidiv.

Għalkemm ir-Registratur tal-Qorti esibit għad ġmielu ta' sentenzi mogħtija fil-konfront ta' Sultana,[234] dawk is-sentenzi li fl-akkuża ġie imputat li sar reċidiv minħabba fihom speċifikament, jew ma ġewx esibiti jew inkella l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li, fejn l-imputat ġie kkundannat għal multa, din effettivament tħallset sabiex seta' jingħad li Sultana skonta s-sentenza relattiva.

Fil-proċediment **Il-Pulizija vs Omissis, Jason Galea** il-Qorti tenniet:[235]

> Illi madanakollu din il-Qorti tqies illi l-appellanti qatt ma seta jigi misjub hati ta'l-akkuza tar-recidiva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza li issir referenza ghaliha bhala prova tal-addebitu ta' recidiva u cioe' dik tat-22 ta' Jannar 2010, kienet giet imposta piena pekunjarja konsistenti f'multa, liema multa mill-fedina penali esebieta in atti jidher illi thallset fil-05 ta' Lulju 2012, u kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza kienet giet "skontata" fit-termini tal-ligi. Kwindi ghalkemm tirrizulta ir-recidiva taht l-artikolu 49, izda l-artikolu 50 ma huwiex applikabbli ghal kaz.

L-istess Qorti diversament preseduta rriteniet dan fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar**:[236]

> Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awissu 2012, din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" a fol. 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011.

Konsegwentement l-imputat qed jiġi liberat mill-imputazzjonijiet numru għaxra (10) sa tlettax (13) meta hu bil-wisq evidenti li l-imputat kellu jiġi kkunsidrat bħala reċidiv.

Hawnhekk reġa' kien hemm nuqqas mill-Avukat Ġenerali li kellu dmir jassigura – biex verament issir il-Ġustizzja versu s-soċjetà - li permezz tar-rinviji żbalji simili ma jsirux, u min jistħoqqlu jiġi kkunsidrat reċidiv, ma jitħalliex jiżloq mill-konsegwenzi ta' għemilu!

---

[233] **Dok.JCZ2** a fol.626 et seq
[234] Fol.638-676
[235] Per Onor. Imħallef Edwina Grima, Deċiza 31 ta' Mejju, 2017; Appell No. 434/2016
[236] Per Onor. Imħallef David Scicluna, Deċiza 6 ta' Frar, 2013

**Il-Piena**

A. Pawlina Cutajar

Fir-rigward tal-imputata Cutajar ġew ikkunsidrati n-natura tar-reati li nstabet ħtija dwarhom, tal-fedina penali tagħha u taċ-ċirkostanzi tal-każ. Ittieħed kont tal-ammissjoni tagħha għalkemm ma saritx f'xi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri.

B. Johan Sultana

Il-fedina penali tal-imputat turi li l-imputat xellef diffrejh mal-ġustizzja sa mill-età ta' tlettax il-sena. Hi fedina penali voluminuża mżewwaq b'kull forma ta' reati li jeżistu taħt il-kappa tax-xemx. Tul is-snin wera li ma kienx kapaċi jirrijabilita ruħu minkejja l-opportunitajiet varji li ngħata. *Inter alia* instab ħati kemm il-darba ta' serq, anke serq aggravat, reati kontra l-ordni pubbliku, reati ta' natura vjolenti w reati relatati ma traffikar ta' droga. L-imputat stqarr mal-probation officer li għadu jagħmel użu mil-eroina għalkemm jieħu l-*methadone*.[237] B'hekk wera li minkejja l-età adulta tiegħu, l-opportunitajiet li ngħatawlu fil-passat u saħansitra anke meta għall-aktar minn darba rifes l-għatba tal-ħabs baqa' ma tgħallem xejn minnhom.

Ittieħed kont li jsib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Issa Sultana qed jinstab ħati tar-reat kontemplat bl-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali:

> F'dan il-kaz, meta si tratta tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali fejn wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat huwa il-prova tal-kundanna precedenti ghar-reat tas-serq, il-fedina penali tal-persuna akkuzata, bl-imperfezzjonijiet li kultant ikun fiha ma tista' qatt tikkostitwixxi l-ahjar prova. Tant hija importanti din il-prova illi gie deciz illi tali sentenza li tikkostitwixxi fatt ippruvat ghar-reat taht l-artikolu 287 lanqas ma tista' tintuza imbaghad bhala prova in konnessjoni mal-addebitu tar-recidiva.
>
> **"Gjaldarba l-fatt li persuna tkun instabet precedentement hatja hu ingredjent essenzjali tar-reat, l-istess fatt ma jistax jintuza ghal finijiet ta' zieda fil-piena minhabba r-recidiva. ... Dan naturalment ma ifissirx illi l-piena ghar-reati ikkontemplati fl-artikolu 286 u 287 ma jistghux jizdiedu minhabba r-recidiva. Ifisser biss li l-istess fatt li hu element kostituttiv tar-reat ma jistax iservi ghall-finijiet ta' recidiva.[238]"**

---

[237] Fol.824

[238] **Il-Pulizija vs Amadeo Brincat et** Appell Kriminali 06/06/1994 u **l-Maesta Tiegħu r-Re vs Karmenu Ellul** 24/06/1941

> Dan ifisser allura illi l-ewwel u qabel kollox sabiex jigi ippruvat wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 u cioe' l-kundanna precedenti ghar-reat tas-serq trid issir l-prova mill-Prosekuzzjoni ta' tali kundanna u dan permezz ta' sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat. Din l-istess prova u cioe' dan l-istess fatt ma jistax imbaghad jintuza ukoll ai fini tal-addebitu tar-recidiva.[239]

Jibqa' l-fatt li l-prosekuzzjoni xorta naqset milli tipprova l-addebitu tar-reċidiva kif ġa intqal aktar il-fuq.

M'hemmx dubbju li r-reat l-aktar serju li tiegħu Sultana qed jinstab ħati hu dak ta' riċiklaġġ; reat ikkunsidrat globalment bħala wieħed b'potenzjal li jhedded is-sigurtà nazzjonali ta' pajjiż, jeqred il-prosperita` nazzjonali tiegħu w jgħarraq b'mod irreparabbli r-reputazzjoni internazzjonali ta' dak il-pajjiż.

Dawn il-konsiderazzjonijiet qed tgħixhom is-soċjetà Maltija li qed tiffaċċja l-konsegwenzi negattivi li d-deċiżjoni tal-Financial Action Task Force ġabet magħha. Kompitu ta' Qorti hu propju dak li bis-sentenzi li tagħti, ikun hemm pieni persważivi li jservu ta' deterrent għall-kommissjoni ta' reati simili. Reati li, fl-aħħar mill-aħħar, hi s-soċjetà li tbati l-konsegwenti tagħhom; eżempju prim hu d-diffikultajiet li kwotidjanament ċittadini w residenti f'Malta jiltaqaw magħhom biex jagħmlu tranżazzjonijiet bankarji, qasam li sfortunatament ġie kostrett jieħu miżuri restrittivi w strinġenti in segwitu ta' tali deċiżjoni.

L-OECD f'pubblikazzjoni tagħha ***Money Laundering Awareness Handbook for Tax Examiners and Tax Auditors*** tgħid dan:

> Why combat money laundering?
>
> Criminals accumulate significant sums of money by committing crimes such as drug trafficking, human trafficking, theft, investment fraud, extortion, corruption, embezzlement and tax fraud. Money laundering is a serious threat to the legal economy and affects the integrity of financial institutions. It also changes the economic power in certain sectors. If left unchecked, it will corrupt society as a whole. Fighting money laundering serves several purposes.
>
> The social importance
>
> Crime causes tangible and intangible damage to third parties, individuals and society as a whole. Money laundering can result in reducing the public's confidence in certain professions such as lawyers, accountants and notaries and economic sectors such as real estate, hospitality and banks and other financial institutions. Investing the proceeds of crime may also distort competition between businesses and entrepreneurs. Money laundering allows the criminal to start, continue and expand activities in legitimate sectors of the economy. It may create a perception that crime pays and may also have a stimulating effect on our youth starting a criminal career

---

[239] **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** *supra*

Fil-Paper intestata ***The Consequences of Money Laundering and Financial Crime*** jingħad is-segwenti:[240]

> Money laundering is the criminal's way of trying to ensure that, in the end, crime pays. It is necessitated by the requirement that criminals — be they drug traffickers, organized criminals, terrorists, arms traffickers, blackmailers, or credit card swindlers — disguise the origin of their criminal money so they can avoid detection and the risk of prosecution when they use it......
>
> Money laundering has potentially devastating economic, security, and social consequences.......
>
> Unchecked, money laundering can erode the integrity of a nation's financial institutions. Due to the high integration of capital markets, money laundering can also adversely affect currencies and interest rates. Ultimately, laundered money flows into global financial systems, where it can undermine national economies and currencies. Money laundering is thus not only a law enforcement problem; it poses a serious national and international security threat as well.

Paper oħra ***Money Laundry And Its Political Impact*** trattat id-dannu li l-*money laundering* jinfliġi fuq l-ekonomija ta' pajjiż:[241]

> The offence of money laundering due to its nature which is organized and supranational is having damaging economic and, political and social effect on society. Money laundering leads to organized penetration of criminals into banking and monetary network and they bring the economic potential of governments under their own control and direction. With gradual decline of government economic power which is due to non-performance of productive works and tax evasion, the security and economic and political authority of the government and national sovereignty is jeopardized. This destabilizing function generally takes place in developing countries. The main question raised by present article is that, what are the negative impacts of money laundering on society? Money laundering is having damaging economic, political and social impacts. Money laundering is damaging for economy and commerce. The negative impacts of money laundering includes weakening private sector, destruction of financial markets, reduction of government revenue, weakening of economic security, risking credits, hampering healthy competition. Money laundering damages social and economic order because this phenomenon has enormous negative consequences for free competition, stability and health of financial system.

L-International Monetary Fund ukoll issemma leħinha fil-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus:

> Money laundering and the financing of terrorism are financial crimes with economic effects.......These activities generate financial flows that involve the diversion of resources away

[240] John McDowell, Senior Policy Adviser, and Gary Novis, Program Analyst, Bureau of International Narcotics and Law Enforcement Affairs, U.S. Department of State FOCUS Economic Perspectives • An Electronic Journal of the U.S. Department of State • Vol. 6, No. 2, May 2001.

[241] Roshan Mohammad, Nayebzadeh Ali Akbar, Akhtarshenas Farhad. Political and International Scientific and Research Quarterly, Winter 2012; Page(s) 185 To 192.

> from economically- and socially-productive uses—and these diversions can have negative impacts on the financial sector and external stability of member states. They also have a corrosive, corrupting effect on society and the economic system as a whole. Because of the negative consequences of these forms of financial abuses on our members' economies and financial systems, the IMF has been very active for over ten years in the AML/CFT area.

Ikkunsidrat ukoll,

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom u l-iskop tal-piena li għandha tiġi erogata wara sejbien ta' ħtija. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kkunsidrat: [242]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[243]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[244]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

L-iskop tal-piena w kif din għandha tiġi bilanċjata mal-interessi tal-imputat ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana Mark Dimech … omissis …. .**

---

[242] Per Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008
[243] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.
[244] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.

Dik il-Qorti wara li ċitat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006, tenniet:[245]

> M'hemmx dubju illi l-appellant inghata bosta opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, inkluz conditional discharge ghal sitt darbiet, probation ghal hames darbiet u sentenza sospiza ghal tliet darbiet u darba giet estiza. Ghalhekk il-fatt li kellu 22 sena meta wettaq ir-reati in kwistjoni mhix xi raguni biex ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghad irid ikompli jizviluppa l-kapacita` li jghix fis-socjeta` minghajr ma jkun ta' minaccja ghal dik is-socjeta`

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[246]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reat iħalli fuq is-soċjetà. Soċjetà li tispiċċa tbagħti hi għall-għemil li llum l-istess soċjetà tirrikonoxxi li jekk ma jiġix missielet b'serjetà w b'determinazzjoni, jaf ikompli jħalli impatt negattiv fuq l-andament soċjali w l-prosperita` ekonomika tagħha u tal-Pajjiż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. fir-rigward ta' **Pawlina Cutajar,** wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 u 49 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha ħatja tat-tieni w tal-ħames imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali (imputazzjoni numru sitta (6)),

[245] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007; Appell Kriminali Numru. 166/2006

[246] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiza fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

tilliberaha mill-kumplament u tikkundannaha **erba (4) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) millum.

Inoltre wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti **qegħda testendi** s-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-16 ta' Mejju 2018, ta' **sena (1) priġunerija** li qed tiġi sospiża għal sentejn (2) oħra millum.

2. Fir-rigward ta' **Johan Sultana,** filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u dawk numru disa' (9) sa tlettax (13), wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49 u 287 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 7(1)(3) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta w l-artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu ħati fuq l-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah **tlett (3) snin priġunerija** w mija u għaxar (110) Ewro penali.

   Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta` mobbli w immobbli kollha ta' l-imputat kif stipulat fl-Artikolu 3(5) moqri flimkien ma l-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.[247]

   Inoltre ai termini tal-artikolu 14 tal-Ordinanza tħassar kull liċenzja li għandu l-imputat Johan Sultana dwar il-ħanut Bliss Massage tal-Fgura.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-Cutajar tħallas **€485.67c**[248] u lil Sultana jħallas **€971.35c**[249] rapprezentanti spejjez peritali.

Tordna li din is-sentenza tiġi mibgħuta lid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Soċjali in vista tal-fatt li l-imputat Sultana qed jirċievi benefiċċji *inter alia* ai termini tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

[247] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.

[248] Terz

[249] Żewġ terzi

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju għat-Taxxi sabiex jinvestiga diskrepanzi rigward il-*capital gains tax* dovuta fuq it-trasferiment tal-ħanut li fuqu tħallsu sitta u għoxrin elf ewro.

Inoltre` fid-dawl tal-provi li ġew prodotti f'dawn il-proċeduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawru r-reati kontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment fl-Artikolu 3 tal-istess Kapitolu, kif ukoll ir-reati kontemplati bl-Artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tan-Nutar Joseph Tabone u fis-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u dan fil-konfront tan-Nutar Joseph Tabone u Josianne Brincat.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**